# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 5**

**Rikors numru 171/2015/1/LM**

**Avv. Nicholas Valenzia bħala mandatarju speċjali ta' Aerotron Limited, soċjetà estera reġistrata fl-Ingilterra**

**v.**

**Hermes Aviation Limited (C54428)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-kumpanija attriċi kontra sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-17 ta' Ottubru, 2018, li kellha quddiemha talba u kontrotalba: (i) fejn ġew miċħuda t-talbiet attriċi, wara li ġie ddikjarat mill-Ewwel Qorti li l-kumpanija attriċi ma kellhiex interess ġuridiku sabiex tkompli tmexxi bil-kawża; (ii) sabet li l-kumpanija attriċi rikonvenzjonata naqset milli

twettaq l-obbligi kuntrattwali tagħha u naqset milli taġixxi u tesegwixxi l-kuntratt bejn il-partijiet b'rieda tajba; u (iii) kkundannat lill-kumpanija attriċi tħallas danni fl-ammont ta' $541,209.84.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fl-24 ta' Frar, 2015, l-attur *nomine* fisser li l-kumpanija attriċi hija waħda mill-fornituri ewlenin fl-Ewropa fl-industrija tal-avjazzjoni ċivili u toffri bosta servizzi lill-klijenti internazzjonali tagħha, fosthom il-kiri ta' ajruplani. Tgħid li hija sidt tal-ajruplan 9H-HER Boeing 737-4K5HGWMSN 24901 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "l-ajruplan"), liema ajruplan jinsab mikri lil u mħaddem mill-kumpanija konvenuta u dan b'riħet *Aircraft Lease Agreement* tas-26 ta' Marzu, 2014.

3. Il-kumpanija attriċi saħqet li kien hemm ksur ripetut tal-kundizzjonijiet tal-imsemmi ftehim, u l-kumpanija konvenuta ġiet formalment avżata permezz ta' *Notice of Default* tat-13 ta' Jannar, 2015. Tgħid li dan l-avviż huwa msejjes fuq: (i) morożità tal-kumpanija konvenuta fil-ħlas tal-kera tal-ajruplan, esklużi dawk għal *maintenance reserves;* (ii) tibdil drastiku tal-kundizzjoni finanzjarja tal-kumpanija konvenuta li huwa dovut fost l-oħrajn minħabba pretensjonijiet imressqa minn Transport Malta u minħabba rappurtaġġi fil-*media* Maltija, kif ukoll

dik Taljana dwar nuqqasijiet fis-servizz tal-linja tal-ajru tagħha; (iii) nuqqasijiet fil-konfront tal-assiguraturi tal-ajruplan; u (iv) morożità fil-ħlas ta' *air navigation charges.* Issostni li dan it-tibdil fil-kundizzjoni finanzjarja tal-kumpanija konvenuta ppreġudika l-operat tagħha għaliex l-ebda linja tal-ajru ma tkun f'qagħda li twettaq l-obbligi tagħha taħt direttivi u konvenzjonijiet internazzjonali, jekk ma tkunx f'kundizzjoni finanzjarja b'tali mod illi jippermettilha tagħmel dan.

4. Il-kumpanija attriċi tenniet li hija għandha l-jedd li twaqqaf l-*Aircraft Lease Agreement* u b'hekk tmexxi sabiex tieħu lura l-pussess tal-ajruplan flimkien mad-dokumenti uffiċjali tal-ajruplan magħrufa bħala *aircraft documentation* u *historical records.*

5. Il-kumpanija attriċi rriżervat id-dritt tagħha li titħallas dak dovut lilha mill-kumpanija konvenuta fis-somma ta' USD 234,588.77 ekwivalenti għal €207,625.35 jew somma oħra, bħala arretrati ta' kera għall-ajruplan barra somma oħra rappreżentanti *maintenance reserves* (pendenti sa mix-xahar ta' Ottubru 2014) u spejjeż oħra, u dan billi l-ammont jiġi paċut mal-ammont imħallas mill-kumpanija konvenuta bħala *Security Payment* skont l-istess kuntratt. Tant huwa hekk li l-kumpanija konvenuta kellha żżomm fis-seħħ *Security Payment* bħala garanzija għall-ħlasijiet u għat-twettiq tal-obbligi tagħha skont il-kuntratt.

6. Il-kumpanija attriċi kompliet tgħid li l-bosta nuqqasijiet tal-kumpanija konvenuta wasslu għall-ħruġ ta' *Notice of Termination* datat 14 ta' Jannar, 2015 li permezz tiegħu avżat lill-kumpanija konvenuta li l-ftehim tal-kiri tal-ajruplan kien qiegħed jiġi mitmum b'riħet l-Artikolu 23.2.1 tal-istess ftehim. Tkompli li sabiex tħares il-pretensjonijiet tagħha, prinċipalment sabiex ma jiġix ippreġudikat il-valur tal-ajruplan bħala sidt tal-ajruplan u tad-dokumenti relattivi, ippreżentat mandat ta' deskrizzjoni kontra l-kumpanija konvenuta nhar l-14 ta' Jannar, 2015. Kontestwalment mal-mandat ta' deskrizzjoni talbet il-ħatra ta' kunsinnatarju sabiex iżomm fil-pussess tiegħu d-dokumenti tal-ajruplan sakemm tiġi deċiża l-kwistjoni. Għalkemm il-kumpanija konvenuta ssejħet bosta drabi, baqgħet inadempjenti.

7. Minħabba f'hekk fetħet din il-kawża, u talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *"(i) Tiddikjara li l-Aircraft Lease Agreement datat 26 ta' Marzu, 2014 u li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi kriet lill-kumpanija konvenuta l-ajruplan 9H-HER Boeing 737-4K5HGW MSN 24901 huwa terminat;*
> *(ii) Tordna lill-kumpannija konvenuta sabiex tagħti lura lis-soċjetà attriċi l-pussess tal-ajruplan 9H-HER Boeing 737-4K5HGW MSN 24901, flimkien mad-dokumenti uffiċjali relattivi tal-istess ajruplan, u tagħti dawk l-ordnijiet u l-provvedimenti l-oħrajn kollha neċessarji u opportuni.*
>
> *Bl-ispejjeż ġudizzjarji, inkluż dawk tal-mandat ta' deskrizzjoni kawtelatorju ppreżentat nhar l-14 ta' Jannar, 2015 (64/2015), kontra l-kumpanija konvenuta illi hija minn issa inġunta għas-subizzjoni u b'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-istanti."*

8. Il-kumpanija konvenuta wieġbet għal dan ir-rikors permezz ta'

risposta maħlufa tad-9 ta' April, 2015, u ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

> *"1. Illi preliminarjament, b'kull rispett, il-mandatarju speċjali tas-soċjetà estera għandu jippreżenta prova dokumentarja oriġinali illi huwa għandu l-awtorità jaġixxi f'isem u għas-soċjetà attriċi;*
>
> *2. Illi preliminarjament ukoll, ir-rikors u t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti huma proċeduralment u legalment insostenibbli stante li ma hemmx indikazzjoni tal-Artikolu tal-liġi li fuqu qed jiġu bbażati t-talbiet promossi minnha u għaldaqstant it-talbiet mhumiex imsejsa fuq dispożizzjoni tal-liġi u għalhekk għandhom jiġu riġettati;*
>
> *3. Illi inoltre, minkejja d-Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-25 ta' Frar, 2015, fejn dina l-Qorti ordnat lis-soċjetà attriċi (jew aħjar lill-attur nomine) sabiex fi żmien tletin (30) jum min-notifika tad-Digriet jippreżenta affidavit fejn jagħti l-fatti kollha rilevanti għat-talbiet tiegħu u jippreżenta lista ta' xhieda u dokumenti ulterjuri, b'notifika lill-kontro-parti, l-istess soċjetà attriċi (u l-istess attur nomine) naqsu milli jaġixxu in ottemperanza tad-Digriet;*
>
> *4. Illi fil-mertu u fl-ewwel lok is-soċjetà konvenuta tirrespinġi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tas-soċjetà rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt;*
>
> *5. Illi filwaqt illi huwa minnu li s-soċjetà attriċi hija l-proprjetarja tal-ajruplan 98-HER Boeing 738-4K5HGW MSN 24901, liema ajruplan kien ġie mikri lis-soċjetà intimata in forza ta' Aircraft Lease Agreement datat 26 ta' Marzu, 2014 (anness mar-Rikors Ġuramentat tas-soċjetà attriċi bħala Dok. NV1), mhux minnu iżda illi kien hemm ksur ripetut mis-soċjetà intimata tat-termini tal-ftehim imsemmi li b'xi mod kien jimmerita t-temm tal-kirja de quo; illi kuntrarjament għal dan, kienet is-soċjetà attriċi illi mill-ewwel ġurnata tal-kirja kienet kisret hi t-termini u l-kundizzjonijiet essenzjali tal-kuntratt ta' kirja kif ser jiġi spjegat u ppruvat waqt is-smigħ tal-provi;*
>
> *6. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju, kienet is-soċjetà attriċi illi aġixxiet in mala fede assoluta sabiex ħabta u sabta rnexxielha twaqqaf l-operat tas-soċjetà intimata meta hi kienet taf illi s-soċjetà intimata kellha obbligi kuntrattwali ma' terzi li kellha twettaq biex hekk ikkawżatilha danni serji u telf ta' kuntratti u ta' dħul u dan minbarra d-dannu li sar lill-isem u lir-reputazzjoni tas-soċjetà intimata kemm f'għajnejn il-pubbliku kif ukoll mal-awtoritajiet kompetenti stante illi s-soċjetà intimata kellha tieqaf topera ħabta u sabta minħabba l-aġir illegali tas-soċjetà attriċi liema aġir kien bi ksur lampanti tal-kuntratt imsemmi bejn il-partijiet;*
>
> *7. Illi bir-rispett kollu, is-soċjetà attriċi qed tiżvija lil din l-Onorabbli Qorti billi qiegħda intenzjonalment taħbi nofs il-verità tal-kwistjoni u ċjoè numru ta' fatti illi wasslu għas-sitwazzjoni li llum il-partijiet*

*jinsabu fiha;*

*8. Illi s-soċjetà attriċi tinjora jew taħbi l-fatt li mill-ewwel ġurnata tal-kirja kienet ikkunsinnat ajruplan li ma kienx konformi mat-termini tal-kuntratt, jew aħjar mal-'conditions of delivery' ma' liema l-ajruplan suppost jikkonforma mill-ewwel ġurnata tal-kirja skont il-kuntratt bejn il-partijiet tant illi d-dokumenti li kienet ippreżentat is-soċjetà attriċi meta kkunsinnat l-ajruplan kienu jgħidu mod (u ċjoè li kienu saru t-testijiet u l-manutenzjonijiet neċessarji), iżda fil-verità dan ma kienx minnu u saħansitra l-ajruplan mhux biss ma kinux sarulu l-manutenzjonijiet kollha (kif kienu jixhdu dawn id-dokumenti), iżda infatti l-ajruplan kellu jieqaf milli jtir sabiex isirulu mhux biss manutenzjoni iżda tiswijiet għall-ħsarat li s-soċjetà intimata saret taf bihom biss wara li kienet bdiet il-kirja u biss wara li ħadet l-ajruplan u dan meta s-soċjetà intimata kienet ġa ħallset ammonti sostanzjali lis-soċjetà attriċi kif ukoll lil terzi sabiex bdiet l-operat tagħha b'kuntratti biex tagħti servizzi lill-passiġġieri tal-ajru fi transport pubbliku tal-ajru;*

*9. Illi in fatti s-soċjetà intimata kienet ħallset ġa, fi żmien sitt xhur biss, ammont ta' circa miljun Dollaru ($1,000,000) jew iżjed lis-soċjetà Aerotron Limited;*

*10. Illi dan kollu ser jiġi spjegat aktar fid-dettall waqt is-smigħ tal-provi – iżda minn issa s-soċjetà intimata tenfasizza illi dan kien ix-xenarju li hija kellha taffaċċja għal ġimgħat u xhur fejn ma setgħetx topera l-operat tagħha kif kien maħsub u kif intenzjonat bil-kirja tal-ajruplan għaliex fil-fatt l-ajruplan ma setax itir minħabba l-manutenzjoni u r-riparazzjonijiet li kellhom isiru;*

*11. Illi minkejja dan kollu s-soċjetà attriċi għandha l-wiċċ li tippreżenta dina n-nofs verità lil din l-Onorabbli Qorti u tipprova tpinġi stampa totalment differenti billi tagħti l-impressjoni li s-soċjetà intimata kellha nuqqasijiet li kienu biss tort tagħha inkluż fil-konfront tal-passiġġieri u tal-awtoritajiet kompetenti. Illi dan kollu meta s-soċjetà attriċi taf biżżejjed illi ħafna mill-problemi li kellha taffaċċja s-soċjetà intimata (bħal per eżempju mal-Awtorità kompetenti) kienu biss riżultat tal-fatti u ċ-ċirkostanzi suesposti u mhux għaliex is-soċjetà intimata aġixxiet bi ksur tal-kuntratt;*

*12. Illi in fatti minħabba li l-operat tas-soċjetà intimata kellu jitwaqqaf, is-soċjetà intimata ma setgħetx tħallas xi pagamenti lill-Awtorità kompetenti immedjatament u dan għaliex id-dħul tas-soċjetà intimata waqaf għalkollox mingħajr preavviż. Illi minkejja dan kollu s-soċjetà intimata tagħmilha ċara – u bir-rispett kollu s-soċjetà attriċi taf – illi 'illum is-soċjetà intimata ħallset l-ammonti dovuti lill-Awtorità fl-ammont globali ta' €56,420.92, hekk kif jafferma d-dokument hawn anness u mmarkat 'Dok. H1';*

*13. Illi kif taf tajjeb is-soċjetà attriċi, l-intenzjonijiet u l-aġir tas-*

*soċjetà intimata kienu dejjem in buona fede, u ċjoè l-ħsieb tagħha kien sabiex il-partijiet jikkollaboraw flimkien biex il-kirja bejniethom u bl-operat tas-soċjetà intimata, iż-żewġ partijiet jiggwadanjaw għal tul ta' żmien – iżda mhux l-istess kienet l-intenzjoni tas-soċjetà attriċi;*

*14. Illi kien għalhekk li s-soċjetà intimata ħassitha ferm aggravata bl-aġir skorrett tas-soċjetà attriċi meta, fil-waqt illi l-partijiet kienu qegħdin jitkellmu bejniethom sabiex jaslu għal ftehim ta' kif kellhom jitħallsu ċertu pagamenti skont il-kuntratt tal-kirja (u dan fil-kuntest tal-fatti suesposti) u in fatti kienu qegħdin jikkorrispondu bejniethom (tant li s-soċjetà attriċi kienet anke wriet li aċċettat ir-responsabbilità u kienet lesta tħallas għad-danni għal żmien li l-ajruplan ma setax itir) l-istess soċjetà intimata sabet ma' wiċċha, mingħajr pre-avviż ta' xejn, il-mandat ta' deskrizzjoni flimkien ma' Rikors għall-elevazzjoni tad-dokumenti kollha tekniċi tal-ajruplan, liema mandat a bażi tal-allegazzjoni infondata tas-soċjetà attriċi li d-dokumenti setgħu jintilfu jew isirulhom ħsara, iżda fir-realtà saret biss bl-intendiment li jitwaqqaf għalkollox l-operat tas-soċjetà intimata – u dan għaliex mingħajr id-dokumenti relattivi tekniċi tal-ajruplan is-soċjetà intimata ma kinitx f'pożizzjoni li tibqa' topera titjiriet;*

*15. Illi s-soċjetà intimata kienet taf li dan kien ser ikun ir-riżultat tal-azzjoni li għoġobha tieħu – tant illi, li kieku riedet tipproteġi d-dokumenti kien ikun biżżejjed li tagħmel mandat ta' deskrizzjoni – iżda saħansitra marret pass oltre u talbet sabiex id-dokumenti jiġu elevati biex tpoġġew għand kunsinnatarju tal-għażla tagħha - u dan minkejja li qatt ma kellha xi ħjiel ta' prova illi d-dokumenti verament kienu f'riskju jew periklu;*

*16. Illi interessanti ferm – u s-soċjetà intimata qed tirriżerva d-drittijiet kollha spettanti lilha f'dan ir-rigward, illi dak il-kunsinnatarju kien, sal-ġurnata stess illi ntalab il-ħruġ tal-mandat ta' deskrizzjoni, jagħti servizz hu stess lis-soċjetà intimata u kien b'sorpriża kbira għas-soċjetà intimata li, indubbjament bi ftehim illeċitu u in mala fede mas-soċjetà attriċi, wara dahar is-soċjetà intimata, bagħat ittra lis-soċjetà intimata biex jinfurmaha li kien qed iwaqqaf is-servizz li kellu magħha – biex wara (u proprju ġurnata wara) aċċetta li jkun kunsinnatarju tad-dokumenti tal-ajruplan hekk kif innominatu s-soċjetà attriċi;*

*17. Illi interessanti għal din l-Onorabbli Qorti li tifhem illi dawn il-proċeduri tal-mandat u r-rikors għall-elevazzjoni nbdew mis-soċjetà attriċi bi preżentata fir-Reġistru tal-Qorti fl-14 ta' Jannar, 2015 – u ċjoè biss ġurnata wara d-data tan-Notice of Default (Dok. NV 2 anness mar-Rikors promutur) tas-soċjetà attriċi datata 13 ta' Jannar, 2015 – u biss ġurnata qabel mal-istess soċjetà attriċi għoġobha tibgħat ittra ta' terminazzjoni tal-kuntratt datat 14 ta' Jannar, 2015 – dan meta sal-lejl tat-13 ta' Jannar, il-partijiet suppost kienu għadhom fi trattattivi amikevoli biex jiftehmu fuq kif u*

*meta ser isiru l-pagamenti relattivi mis-soċjetà intimata (kif ukoll rigward l-ammont li kienet lesta taċċetta tħallas is-soċjetà attriċi minħabba n-nuqqasijiet tagħha) u ċertament mingħajr ebda diskors minn parti jew oħra dwar ksur ta' kuntratti jew xi intenzjoni u/jew ħtieġa li jitwaqqaf il-kuntratt;*

*18. Illi f'dan il-kuntest is-soċjetà intimata tirriżerva d-drittijiet tagħha illi tiftaħ proċeduri hi sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha u sabiex tirkupra spejjeż u danni li hija sofriet bl-aġir illegali u bi ksur tal-kuntratt mas-soċjetà attriċi;*

*19. Illi inoltre għas-suespost, bir-rispett kollu s-soċjetà attriċi trid tiddeċiedi dwar il-pożizzjoni li qed tieħu għaliex min-naħa l-waħda qed tgħid illi hija tterminat il-kirja u l-kuntratt bl-ittra tagħha tal-14 ta' Jannar 2015 u min-naħa l-oħra qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara hi li l-kuntratt huwa terminat;*

*20. Illi fl-opinjoni umli tas-soċjetà intimata hija proprja s-soċjetà attriċi li aġixxiet bi ksur tal-kuntratt b'mod illi unilateralment waqqfet lill-partijiet milli jkomplu bil-kuntratt u għoġobha hi tieħu azzjoni li waqqfet l-effetti kollha tal-kuntratt bi ksur tat-termini tal-istess ftehim – partikolarment iżda mhux biss Klawsola Nru. 5.1.1 tal-Kuntratt kif ukoll il-Klawsola Nru. 10.1 tal-istess;*

*21. Illi għal kull buon fini s-soċjetà attriċi saħansitra kienet informat lill-Awtorità Transport Malta illi hija kienet itterminat il-kirja;*

*22. Illi inoltre u b'kull rispett lejn dina l-Qorti u d-deċiżjoni tagħha (diversament ippreseduta), rigward it-talba tas-soċjetà intimata biex il-mandat ta' deskrizzjoni jiġi revokat, is-soċjetà intimata tibqa' tikkontendi illi l-proċeduri li applikat is-soċjetà attriċi għall-ħruġ tal-mandat u l-elevazzjoni tad-dokumenti kienu illegali u bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha sabiex tappella d-deċiżjoni de quo stante illi l-ħsieb tal-leġislatur kien illi f'kuntest ta' ajruplan li jġorr passiġġieri bħala transport pubbliku wieħed jista' jitlob biss mandat kawtelatorju ta' arrest kontra ajruplani ta' dan it-tip u biss f'ċertu ċirkostanzi (ċjoè basta li jkunu ġew sodisfatti ċertu kriterji) u għaldaqstant, meta s-soċjetà attriċi talbet ħruġ ta' mandat ta' deskrizzjoni u talbet sabiex jiġu elevati d-dokumenti tekniċi kollha tal-ajruplan (li ai termini tal-liġi nostrana kif ukoll il-kuntratt tal-kiri proprju jiffurmaw l-ajruplan), hija aġixxiet bi ksur tal-liġijiet ta' Malta b'riżultat li s-soċjetà intimata sofriet danni inġenti bħala konsegwenza;*

*23. Illi inoltre dan l-aġir tas-soċjetà attriċi kien aġir bi ksur tal-prinċipji bażilari tal-Liġijiet ta' Malta u ċjoè illi kuntratt irid jiġi magħmul, u eżegwit in buona fede u dan kif imfisser inter alia fl-artikolu 933 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ai termini tal-artikolu 1125 tal-istess Kap. li jiddisponi illi persuna li tkun naqset milli tesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta hu obbligat*

> *għad-danni.*
>
> *Illi għaldaqstant għar-raġunijiet premessi t-talbiet attriċi fil-konfront tas-soċjetà attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-istess soċjetà attriċi li hija minn issa inġunta in subizzjoni u b'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lis-soċjetà esponenti;*
>
> *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ inkluż tal-kontro-mandat 64/2015."*

9. Il-kumpanija konvenuta appellata ressqet kontrotalba. Bdiet billi rreferiet għall-iskrittura tal-kiri tal-ajruplan u tenniet li hija dejjem ġabet ruħha b'rieda tajba iżda mhux l-istess jista' jingħad għall-kumpanija attriċi. Saħqet li l-kumpanija attriċi sa mill-ewwel ġurnata tal-kirja kisret it-termini u l-kundizzjonijiet essenzjali tal-kuntratt ta' kiri. Iżżid li l-kumpanija attriċi aġixxiet b'rieda ħażina totali, sakemm ħabta u sabta rnexxielha twaqqaf l-operat tagħha, meta hija kienet taf li l-kumpanija konvenuta kellha obbligi kuntrattwali ma' terzi li kellha twettaq. Konsegwenza ta' dan, il-kumpanija konvenuta ssostni li ġarrbet danni serji u telf ta' kuntratt ta' dħul u dan minbarra l-ħsara li sar lill-isem u lir-reputazzjoni tagħha kemm f'għajnejn il-pubbliku kif ukoll mal-awtoritajiet kompetenti.

10. Il-kumpanija konvenuta appellata tgħid li l-kumpanija attriċi kkonsenjat ajruplan li ma kienx skont il-ftehim, jew aħjar mal-'*conditions at delivery*'. Tfisser li tant huwa hekk li meta l-kumpanija attriċi kkonsenjat l-ajruplan, id-dokumenti kienu jgħidu mod (ċjoè li kienu saru t-testijiet u l-manutenzjonijiet kollha meħtieġa) iżda fil-verità dan ma

kienx minnu minħabba li l-ajruplan ma kienx sarlu l-manutenzjoni kollha, tant li kellu jieqaf milli jtir sabiex barra minn manutenzjoni jsirulu xi tiswijiet għall-ħsarat. Ħsarat dawn, li hija saret taf bihom biss wara li kienet bdiet il-kirja u biss wara li ħadet l-ajruplan u kienet diġà ħallset somom kbar lill-kumpanija attriċi kif ukoll lil terzi, sabiex bdiet l-operat tagħha, b'kuntratti biex tagħti servizzi lill-passiġġieri tal-ajru fi trasport pubbliku tal-ajru.

11. Tgħid li kien għalhekk li hija ħassitha aggravata bl-imġieba ħażina tal-kumpanija attriċi meta, filwaqt li l-partijiet kienu qegħdin jitkellmu bejniethom sabiex jaslu għal ftehim ta' kif kellhom jitħallsu wħud mill-ħlasijiet skont il-kuntratt tal-kirja, u l-kumpanija attriċi kienet anke aċċettat ir-responsabbiltà u li kienet lesta tħallas danni għaż-żmien li l-ajruplan ma setax itir, il-kumpanija konvenuta sabet ma' wiċċha, mingħajr pre-avviż ta' xejn, mandat ta' deskrizzjoni flimkien ma' rikors għall-elevazzjoni tad-dokumenti kollha tekniċi tal-ajruplan billi allegat li d-dokumenti setgħu jintilfu jew issirilhom ħsara. Il-kumpanija rikonvenzjonanti sostniet li dan sar biss bil-ħsieb li jitwaqqaf għalkollox l-operat tagħha u dan għaliex mingħajr id-dokumenti relattivi tekniċi tal-ajruplan ma setgħetx tibqa' topera titjiriet.

12. Tgħid li l-kumpanija rikonvenzjonata kienet taf li dan kien se jkun ir-riżultat tal-azzjoni tagħha, tant illi li kieku riedet tħares id-dokumenti

kien ikun biżżejjed li titlob li jinħareġ mandat ta' deskrizzjoni. Il-kumpanija rikonvenzjonata marret lil hemm minn dan u talbet sabiex id-dokumenti jiġu elevati u jitpoġġew għand kunsinnatarju tal-għażla tagħha u dan minkejja li qatt ma kellha xi ħjiel ta' prova li d-dokumenti kienu f'riskju jew periklu. Il-kumpanija Hermes Aviation Limited filwaqt li rriżervat id-drittijiet kollha li jmissu lilu, tkompli tgħid li sal-ġurnata stess li ntalab il-ħruġ tal-mandat ta' deskrizzjoni, il-persuna li nħatar bħala kunsinnatarju kien jagħti servizz lilha u b'hekk tallega li sar ftehim illeċitu minn wara daharha bejn il-kumpanija Aerotron u din il-persuna li wassal sabiex intbagħtet ittra li dan il-persuna kien se jtemm is-servizzi li kellu magħha biex wara aċċetta li jkun kunsinnatarju tad-dokumenti tal-ajruplan kif imsemmi mill-kumpanija Aerotron.

13. Il-kumpanija konvenuta tgħid li l-proċeduri tal-mandat u r-rikors għall-elevazzjoni nbdew mill-kumpanija rikonvenzjonata fl-14 ta' Jannar, 2015, ċjoè ġurnata wara d-data tan-*Notice of Default* u fl-istess ġurnata li bagħtet l-ittra li permezz tagħha temmet il-kuntratt ta' kiri. Dan kollu meta sal-lejl tat-13 ta' Jannar, 2015 il-partijiet kienu għadhom f'taħditiet sabiex jippruvaw jaslu fi ftehim fuq kif u meta jsiru l-ħlasijiet relattivi, mingħajr qatt ma kien hemm kliem fis-sens li kien hemm ksur ta' kuntratt jew xi intenzjoni u jew ħtieġa li jitwaqqaf il-kuntratt.

14. Għaldaqstant il-kumpanija konvenuta tgħid li kienet il-kumpanija

attriċi li kissret il-kuntratt b'mod li unilateralment waqqfet lill-partijiet milli jkomplu bil-kuntratt u għoġobha tieħu azzjoni li waqqfet l-effetti kollha tal-kuntratt bi ksur tat-termini tal-istess ftehim. Din l-imġieba tmur kontra l-prinċipju li l-kuntratt irid jiġi magħmul u mwettaq b'rieda tajba u konsegwentement la naqset li twettaq obbligazzjoni għandha twieġeb għad-danni serji u li ma jissewwewx li jitilgħu għal mijiet ta' eluf ta' Ewro. Tagħlaq billi tgħid li sejħet lill-kumpanija attriċi bosta drabi, iżda din baqgħet inadempjenti. Talbet għalhekk lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *"(1) Tikkunsidra u tiddikjara illi s-soċjetà attriċi naqset milli taderixxi mal-obbligi tagħha naxxenti mill-kuntratt ta' kirja bejn il-partijiet inkluż iżda mhux biss (i) meta naqset milli tonora l-obbligi tagħha illi tiggarantixxi pussess paċifiku naxxenti mill-kuntratt, u/jew (ii) meta naqset milli tonora l-obbligi kontrattwali tagħha rigward il-conditions of delivery skont il-kuntratt u/jew (iii) meta tterminat il-kuntratt;*
>
> *(2) Tikkunsidra u tiddikjara illi s-soċjetà attriċi naqset milli taġixxi u/jew tesegwixxi l-kuntratt bejn il-partijiet in buona fede;*
>
> *(3) Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetà intimata inter alia dawk riżultanti inter alia mill-ksur tal-kuntratt ta' kiri, u mit-twaqqif abbużiv tal-operat tagħha;*
>
> *(4) Tordna u tikkundanna lis-soċjetà attriċi tħallas is-somma dovuta hekk likwidata;*
>
> *(5) Tordna lis-soċjetà attriċi tħallas lura lis-soċjetà intimata s-Security Deposit;*
>
> *U dan prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna;*
>
> *Bl-ispejjeż inklużi tar-risposta u ta' din il-kontrotalba, tar-revoka mandat numru 62/2015, bl-imgħaxijiet, u bl-inġunzjoni tas-soċjetà attriċi għas-subizzjoni.*
>
> *B'riżerva għal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-istanti."*

15. Il-kumpanija attriċi rikonvenzjonata wieġbet permezz ta' risposta

maħlufa tat-30 ta' April, 2015 u ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

> *"1. Illi qabel xejn it-talbiet tal-konvenuta rikonvenzjonanti huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex mhux minnu li l-attriċi rikonvenzjonata naqset milli taderixxi mal-obbligi tagħha naxxenti mill-kuntratt ta' kirja bejn il-partijiet, u anzi hija proprju l-konvenuta rikonvenzjonanti li kissret ripetutament il-ftehim imsemmi;*
> *2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, filwaqt li jeħtieġ li l-konvenuta rikonvenzjonanti tipprova l-allegazzjoni tagħha ta' nuqqas ta' buona fidi, l-attriċi rikonvenzjonata tiċħad kategorikament tali allegazzjoni li hija waħda purament frivola u vessatorja;*
> *3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-grounding tal-ajruplan fil-fatt seħħ b'konsegwenza tan-nuqqasijiet imputabbli biss lill-konvenuta rikonvenzjonanti u ċertament l-attriċi rikonvenzjonata ma taħti bl-ebda mod għal tali grounding;*
> *4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-konvenuta rikonvenzjonanti qiegħda bir-rispett kollu tonqos mir-rispett dovut lejn din l-Onorabbli Qorti billi sfaċċatament tostina ruħha bl-attakk li l-mandat ta' deskrizzjoni kawtelatorju (mandat numru 64/2015) flimkien mal-ħatra ta' kunsinnatarju huwa abbuż illegali minkejja li din l-Onorabbli Qorti (kif diversament presjeduta) ġa esprimiet ruħha f'dan ir-rigward billi ċaħdet it-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti għar-revoka tal-istess mandat;*
> *5. Illi, fil-mertu dwar it-talba għad-danni, u b'żieda ma' dak li ġia ntqal, ma huma dovuti ebda danni stante illi:*
>
> > *(i) Sa fejn qed jintalbu danni riżultanti mill-ksur tal-kuntratt ta' kiri, l-attriċi rikonvenzjonata bl-ebda mod ma kissret l-imsemmi kuntratt;*
> > *(ii) Sa fejn qed jintalbu danni riżultanti mit-twaqqif abbużiv tal-operat tal-konvenuta rikonvenzjonanti, hija proprju din tal-aħħar li għażlet li twaqqaf l-operat tagħha b'konsegwenza tal-gwaj kollu li daħlet fih hi stess imputabbli għal ċirkostanzi li jmorru lil hinn mill-kuntratt ta' bejn il-partijiet;*
> > *(iii) Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-entità tad-danni mitluba mill-konvenuta rikonvenzjonanti m'huwa xejn ċar fit-talba numru tlieta (3) għal-likwidazzjoni tad-danni billi bl-użu ripetut tal-kliem 'inter alia' donnha qed tagħti x'tifhem li jista' jkun hemm ċirkostanzi oħrajn li skont hi għandhom iwasslu għal-likwidazzjoni tad-danni mingħajr ma tispeċifika dawn iċ-ċirkostanzi x'inhuma u għalhekk din it-talba għandha tiġi miċħuda;*
> > *(iv) Mingħajr preġudizzju għas-suespost, jeħtieġ li ssir prova tad-danni allegati;*
> > *(v) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri. Dikjarazzjoni ta' fatti ai termini tal-Artiolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:*
> > *1.1 Illi għandu jingħad mill-bidu nett illi mhux minnu li l-attriċi rikonvenzjonata naqset milli taderixxi mal-obbligi tagħha naxxenti mill-kuntratt ta' kirja bejn il-partijiet, u anzi hija proprju l-konvenuta rikonvenzjonanti li kissret ripetutament il-ftehim imsemmi;*
> > *1.2 Illi prinċipalment id-defaults tal-konvenuta rikonvenzjonanti jikkonsistu fil-morożità tagħha fil-ħlas tal-kera tal-ajruplan, oltre għal maintenance reserves. Oltre minn hekk, l-attriċi rikonvenzjonata ġiet a konjizzjoni tal-fatt li l-konvenuta rikonvenzjonanti sofriet minn bidla*

*drastika fil-kundizzjoni finanzjarja tagħha, dovuta fost l-oħrajn għall-pretensjonijiet avvanzati minn Transport Malta, rappurtaġġ fil-media Maltija kif ukoll dik Taljana dwar nuqqasijiet fis-servizz tal-linja tal-ajru tagħha, u nuqqasijiet fir-rigward tal-assiguraturi tal-ajruplan u kif ukoll morożità fil-ħlas ta' air navigation charges. Dan il-bdil fil-kundizzjoni finanzjarja tal-konvenuta rikonvenzjonanti jippreġudika l-istess operat tagħha, għaliex ebda linja tal-ajru ma tkun f'qagħda li twettaq l-obbligi tagħha, anke taħt direttivi u konvenzjonijiet internazzjonali, jekk ma tkunx f'kundizzjoni finanzjarja tali illi tippermettilha tagħmel dan;*
*1.3 Illi minkejja li l-konvenuta rikonvenzjonanti tallega ksur tal-ftehim da parti tal-attriċi rikonvenzjonata, fil-kontrotalba tagħha hija tibqa' vaga u tonqos milli tagħti xi ħjiel konkret dwar fejn u meta l-attriċi naqset milli taderixxi mal-obbligi tagħha iżda tagħmel biss allegazzjonijiet ġeneriċi;*
*1.4 Illi dwar ir-riferenza li tagħmel il-konvenuta rikonvenzjonanti għall-kunsinna tal-ajruplan mill-attriċi rikonvenzjonata u l-conditions for delivery, jingħad li għalkemm huwa minnu li kien hemm xi kontrattemp f'dan ir-rigward, kif dejjem ġie rikonoxxut mill-istess attriċi tant kemm dejjem aġixxiet in buona fidi, dan kien ġie riżolt immedjatament u jekk il-konvenuta baqgħet ma ttajjarx l-ajruplan, dan għamlitu unikament għal raġunijiet u ċirkostanzi oħrajn estraneji għall-attriċi;*
*2.1 Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, filwaqt li jeħtieġ li l-konvenuta rikonvenzjonanti tipprova l-allegazzjonijiet tagħha ta' nuqqas ta' bwona fidi, l-attriċi rikonvenzjonata tiċħad kategorikament tali allegazzjoni li hija waħda purament frivola u vessatorja;*
*2.2 Illi anke hawn, il-konvenuta rikonvenzjonanti tonqos milli tagħti ħjiel dwar fejn l-attriċi rikonvenzjonata wriet nuqqas ta' bwona fidi. Dak li donnu qed tikkontendi l-konvenuta huwa li s-sempliċi fatt li l-attriċi għażlet li teżerċita d-drittijiet tagħha skont il-liġi jammonta għal nuqqas ta' bwona fidi – ħaġa din totalment inkonċepibbli;*
*2.3 Illi fi kwalunkwe każ il-bwona fede hija preżunta u hija l-konvenuta rikonvenzjonanti li trid tipprova l-mala fede da parti tal-attriċi rikonvenzjonata;*
*3.1 Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-grounding tal-ajruplan fil-fatt seħħ b'konsegwenza tan-nuqqasijiet imputabbli biss lill-konvenuta rikonvenzjonanti u ċertament l-attriċi rikonvenzjonata ma taħti bl-ebda mod għal tali grounding;*
*3.2 Illi l-grounding tal-ajruplan kienet biss għażla tal-konvenuta rikonvenzjonanti li ħadet għal raġunijiet li taf hi jew għal ċirkostanzi li sabet ruħha fihom in konsegwenza diretta tal-azzjonijiet tagħha;*
*4.1 Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-konvenuta rikonenzjonanti qiegħda bir-rispett kollu tonqos mir-rispett dovut lejn din l-Onorabbli Qorti billi sfaċċatament tostina ruħha bl-attakk li l-mandat ta' deskrizzjoni kawtelatorju (mandat nru. 64/2015) flimkien mal-ħatra ta' kunsinnatarju huwa abbuż illegali minkejja li dina l-Onorabbli Qorti (kif diversament preseduta) ġa esprimiet ruħha f'dan ir-rigward billi ċaħdet it-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti għar-revoka tal-istess mandat;*
*4.2 Illi dan ifisser li l-att kawtelatorju mitlub u ottjenut mill-attriċi rikonvenzjonata huwa prima facie ġustifikat u huwa inutili li l-konvenuta rikonvenzjonanti tibqa' tinsisti bl-allegazzjoni u twebbes rasha li l-attriċi wettqet xi abbuż f'dan is-sens. Inoltrè, fil-kuntest tal-mandat imsemmi u b'rilevanza wkoll għall-kwistjoni dwar it-talba għad-danni, jingħad li fl-ewwel lok, l-operat tal-konvenuta ma twaqqafx b'konsegwenza tal-imsemmi mandat, u fit-tieni lok, is-sempliċi fatt li l-*

*attriċi għamlet użu mill-mezzi li tagħtiha l-liġi u li prima facie huma ġustifikati, ma jista' bl-ebda mod jiġi użat kontriha u jiġi allegat li hija qarrqet bil-konvenuta jew li hija b'xi mod responsabbli għad-danni;*
*5.1 Illi, fil-mertu dwar it-talba għad-danni, u b'żieda ma' dak li ġia ntqal, ma huma dovuti ebda danni stante illi:*
*(i) Sa fejn qed jintalbu danni riżultanti mill-ksur tal-kuntratt ta' kiri, l-attriċi rikonvenzjonata bl-ebda mod ma kissret l-imsemmi kuntratt u għaldaqstant ma għandhiex tinstab responsabbli għal danni f'dan is-sens;*
*(ii) Sa fejn qed jintalbu danni riżultanti mit-twaqqif abbużiv tal-operat tal-konvenuta rikonvenzjonanti, hija proprju din tal-aħħar li għażlet li twaqqaf l-operat tagħha b'konsegwenza tal-gwaj kollu li daħlet fih hi stess imputabbli għal ċirkostanzi li jmorru lil hinn mill-kuntratt ta' bejn il-partijiet. Jiġi ribadit li l-attriċi ma waqqfitx l-operat tal-konvenuta u wisq anqas waqqfet l-operat tagħha abbużivament;*
*(iii) Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-entità tad-danni mitlub mill-konvenuta rikonvenzjonanti m'huwa xejn ċar fit-talba numru tlieta (3) għal-likwidazzjoni tad-danni billi bl-użu ripetut tal-kliem 'inter alia' donnha qed tagħti x'tifhem li jista' jkun hemm ċirkostanzi oħrajn li skont hi għandhom iwasslu għal-likwidazzjoni tad-danni mingħajr ma tispeċifika dawn iċ-ċirkostanzi x'inhuma, u għalhekk din it-talba għandha tiġi miċħuda. Jekk il-konvenuta qed tallega xi azzjonijiet allegatament imwettqa mill-attriċi u li kkaġunaw danni, hija għandha tgħid x'kienu dawn l-azzjonijiet sabiex l-attriċi tkun tista' tilqa' għalihom;*

*6.1 Mingħajr preġudizzju għas-suespost, jeħtieġ li ssir prova tad-danni allegati;*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri;*

*Illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12, Liġijiet ta' Malta, jiġi ddikjarat illi għar-raġunijiet spjegati, il-fatti kollha kif dikjarati mill-kumpannija Hermes Aviation Limited, jeħtieġ illi jiġu ppruvati.*

*Bl-ispejjeż."*

16. B'sentenza tas-17 ta' Ottubru, 2018, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet attriċi wara li ġie ddikjarat minnha li l-kumpanija attriċi ma kellhiex interess ġuridiku sabiex tkompli tmexxi l-kawża; filwaqt li ddeċidiet il-kontrotalba billi ddikjarat li l-kumpanija attriċi rikonvenzjonata naqset li twettaq l-obbligi kuntrattwali tagħha u naqset ukoll milli taġixxi u tesegwixxi l-kuntratt bejn il-partijiet b'rieda tajba u kkundannat lill-istess kumpanija attriċi tħallas danni fl-ammont ta' $541,209.84, bl-

ispejjeż kontra tagħha.

17. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex tiddeċiedi b'dan il-mod kienu dawn:

> *"Il-Qorti fliet bir-reqqa kemm id-dokumentazzjoni voluminuża li tinsab in atti, kif ukoll id-depożizzjonijiet tax-xhieda li tressqu mill-partijiet f'din il-kawża. Qabel tagħti d-deċiżjoni tagħha fil-mertu, il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkunsidra l-eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjetà konvenuta li l-azzjoni attriċi ma tistax tirnexxi minħabba li ma ġiex stabbilit taħt liema dispożizzjoni tal-liġi tressqet l-azzjoni tas-soċjetà attriċi. Il-Qorti tirrileva li l-elementi li għandhom jiffurmaw parti minn rikors maħluf ai termini tal-artikolu 156(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta huma s-segwenti:*
>
> *(a) Dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;*
>
> *(b) Ir-raġuni tat-talba;*
>
> *(c) It-talba jew talbiet li għandhom ikunu enumerati.*
>
> *Ħarsa ħafifa lejn ir-Rikors Maħluf imressaq mis-soċjetà attriċi turi li l-ebda wieħed minn dawn l-elementi mhuwa nieqes, u li l-premessi kif ukoll ir-raġunijiet għat-talba huma mfissra b'mod ċar, u huma wkoll enumerati. Il-Qrati tagħna ppronunzjaw ruħhom dwar dan f'diversi sentenzi, hekk per eżempju dik fl-ismijiet* ***Antonia Zahra v. Raymond Borg***[1]*, fejn il-Qorti qalet hekk:*
>
> > *"Illi fl-ewwel lok jingħad illi llum hija ġurisprudenza li l-Qorti kemm jista' jkun, għall-prattiċità u biex tiġi evitata multiplikazzjoni ta' kawżi u spejjeż żejda, għandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eċċezzjoni tan-nullità u kemm jista' jkun issalva atti ġudizzjarji, u att ta' ċitazzjoni għandu jiġi mwaqqa' u annullat biss għal raġunijiet gravi.*
> >
> > *Illi skont is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-kawża fl-ismijiet* ***Michael Attard nomine v. Raymond Galea****, deċiża fit-12 ta' Mejju, 1998, intqal illi, 'bħala regola, skont il-ġurisprudenza ormai stabbilita, l-atti kemm jista' jkun għandhom jiġu salvati biex issir ġustizzja sostanzjali fil-mertu tal-każ' u 'kif ġie ritenut minn dawn il-Qrati, ir-rigorożità proċedurali, u l-formaliżmu esaġerat rarament huma ambaxxaturi tal-ġustizzja sostanzjali u għalhekk ma għandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawża' (****Aquilina v. Cassar****, Vol. LXXVI.iv.666).*

[1] P.A., 29.09.2015.

> *Illi l-emendi li saru fil-liġi bl-Att XXIV tal-1995, huma mmirati proprju għalhekk, għaliex huwa bl-istess tibdil ovvju li l-interess tal-ġustizzja fil-każ in partikolari jiġi moqdi ġeneralment biss b'deċiżjoni fuq il-punt sostantiv tal-kawża, u dak huwa dak li fil-verità l-partijiet ikunu qed ifittxu. Ir-regoli tal-proċedura jeżistu biex jipprovdu l-aħjar triq sabiex id-dritt sostantiv ikun jista' jinġieb bl-aħjar u bl-iżjed mod spedjattiv għall-konferma tiegħu u dan entro l-limiti tal-liġi, u sabiex l-istess dritt ma jkunx jista' jiġi abbużat.*
>
> *Illi għalhekk l-ebda prinċipju tal-ġustizzja ma għandu jħalli d-dritt proċedurali jieħu s-sopravvent fuq id-dritt sostantiv, b'mod li l-formaliżmu li mill-estrem tiegħu jiddetta l-effettiva eżekuzzjoni u implimentazzjoni tal-ġustizzja skont il-liġi (vide* ***Anthony Abdilla et v. Emmanuel Deguara****, deċiża minn din il-Qorti fl-4 ta' Marzu, 1999).”*

*Illi huwa għalhekk li din l-eċċezzjoni preliminari għandha tiġi miċħuda, stante li lill-Qorti ma jirriżultawlhiex l-estremi kkontemplati mil-leġiżlatur biex dan ir-Rikors Maħluf jitqies li huwa null.*

*Il-Qorti kkunsidrat kif is-soċjetà konvenuta, li kienet għadha qiegħda tipprova tistabbilixxi ruħha fil-qasam tal-avjazzjoni, daħlet għall-kiri ta' ajruplan mingħand is-soċjetà attriċi, fornitur ewlieni ta' ajruplani u ta' partijiet u components tagħhom. Fil-bidu, kif jirriżulta mill-provi, is-soċjetà konvenuta kellha likwidità biżżejjed biex l-obbligi li daħlet għalihom mas-soċjetà attriċi setgħu jiġu sodisfatti, tant li sar ħlas mhux biss ta' xahar kera tal-ajruplan bil-quddiem, iżda ħallset ukoll tliet xhur kera bħala depożitu (security payment), u dan meta s-soċjetà konvenuta kienet għadha lanqas biss bdiet bl-operat tagħha. Jirriżulta wkoll, punt dan li ġie ssollevat mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, illi filwaqt li t-talbiet attriċi huma biex din il-Qorti tiddikjara li l-ftehim ta' kera, 'l hekk imsejjaħ aircraft lease agreement li jġib id-data tas-26 ta' Marzu, 2014, huwa tterminat, u sabiex din il-Qorti tordna r-ritorn tal-ajruplan mertu ta' dawn il-proċeduri lura lis-soċjetà attriċi flimkien mad-dokumenti relattivi tal-istess ajruplan, mill-banda l-oħra hekk kif is-soċjetà attriċi bagħtet it-termination letter tagħha, is-soċjetà attriċi aġixxiet daqslikieku l-kirja minn dak il-mument kienet ġiet itterminata, tant hu hekk l-ajruplan u d-dokumenti inkwistjoni illum qegħdin fil-pussess tagħha, u l-ajruplan fil-preżent jinsab mikri lil terzi li mill-provi jirriżulta li dawn qegħdin joperawh regolarment. F'dan l-ambitu, is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti tikkontendi li s-soċjetà attriċi m'għadx għandha l-interess ġuridiku rikjest sabiex tibqa' tavvanza l-pretensjonijiet tagħha stante li l-eżitu ta' dawn il-proċeduri ma jistgħu jissarrfu fl-ebda riżultat vantaġġuż jew skop utili għaliha. Is-soċjetà konvenuta argumentat ukoll li l-interess ġuridiku jrid jibqa' jissussisti sat-tmiem tal-kawża, u li ladarba fil-mori tal-kawża s-soċjetà attriċi rriprendiet il-pussess tal-ajruplan, din m'għad għandha ebda interess tmexxi 'l quddiem l-azzjoni odjerna u lanqas għandha interess fl-eżitu tagħha. Minkejja li l-kwistjoni dwar jekk s-soċjetà attriċi għadx għandha l-interess ġuridiku rikjest sabiex tkompli tavvanza l-pretensjonijiet tagħha 'l quddiem ma kinitx waħda mill-eċċezzjonijiet imqajma mis-soċjetà konvenuta fin-nota ta' eċċezzjonijiet tagħha,*

*iżda dan kien punt li ġie sollevat fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti, il-Qorti tqis li din hija kwistjoni ta' ordni pubbliku li tista' titqajjem u tiġi indirizzat mill-Qorti ex officio. Dan il-punt ġie elaborat mill-Qrati tagħna f'diversi sentenzi, fosthom f'deċiżjoni fl-ismijiet* ***Kevin Chircop v. Joseph Chircop***[2]*, fejn il-Qorti qalet:*

> *"Il-karenza tal-interess fl-attur ġie sollevat mill-Qorti marte proprio billi ħasset li din kienet kwistjoni ta' ordni pubbliku li l-ġudikant hu obbligat li jirrilevaha ex officio. Dan in omaġġ għall-prinċipju superjuri anke għall-interess tal-partijiet, illi l-ġustizzja mhux sempliċiment tiġi amministrata, iżda anke li din tkun qed tiġi amministrata sew u skont il-liġi. Il-prinċipju tal-interess ġuridiku, dirett, leġittimu u attwali f'kull min jipproponi azzjoni, irid jiġi allura skrupolożament imħares bis-solennità proċedurali kollha, anke jekk mhux sollevat mill-parti kuntrarja fil-ġudizzju."*

*F'sentenza fl-ismijiet* ***Pietro Paolo Borg v. Giuseppe Caruana***[3] *, il-Qorti għamlet riferiment għal diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati tagħna tul is-snin, u ssintetizzathom b'dan il-mod:*

> *"In tema legali jinsab stabbilit fid-dritt ġudizzjarju ċivili li l-interess hu l-miżura tal-azzjoni (Vol. XXXVII. II. 608), u r-rekwiżit tal-interess hu indispensabbli għall-proponibilità ta' domandi fi kwalunkwe sedi ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża (Vol. XXVII.I. 507). L-interess hu l-bażi tal-azzjoni (Vol. XXIX. I. 891); u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess (Vol. XXX. I. 317). L-attur fil-ġudizzju jrid ikollu interess jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment tagħha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaċi li tipproduċi riżultament vantaġġjuż jew utili għal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta. U l-interess irid ikun ġa twieled u jrid ikun attwali, biex jiġġustifika l-azzjoni (Vol. XXXIII. I. 108; Vol. XXXVII. I. 57; XXXVII. II.608). Biex wieħed jipproponi domanda f'ġudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bżonn li jkollu interess fiha, jiġifieri hemm bżonn li d-domanda ġġiblu riżultat utili; liema interess irid ikun leġittimu u konkret (Vol. XXXVIII. II. 317)."*

*Il-Qorti qieset li għad li t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' kera saret permezz ta' att unilaterali da parti tas-soċjetà attriċi, wara d-data tat-13 ta' Jannar, 2015 is-soċjetà attriċi ġabet ruħha bħallikieku l-kuntratt ta' kera bejn il-partijiet u l-obbligi kontrattwali li tnisslu minnu ġew itterminati, tant hu hekk li llum il-ġurnata is-soċjetà attriċi tinsab fil-pussess tal-ajruplan inkwistjoni, u llum dan jinsab mikri mill-ġdid lil terzi. Il-fatt li l-kuntratt ġie tterminat b'att unilaterali u b'mod li jista' jagħti lok għal riżarċiment għad-danni fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, kif qiegħed jintalab fil-kontrotalba tas-soċjetà konvenuta, hu irrelevanti sa fejn it-talba mressqa fir-rikors promutur hi limitata għal dikjarazzjoni ġudizzjarja li l-kuntratt ta' kera ġie tterminat, u għar-ritorn tal-ajruplan li wara kollox jinsab fil-pussess tal-istess soċjetà attriċi, stante li d-deċiżjoni tal-Qorti dwar it-talbiet attriċi ma tista' tagħti l-ebda riżultat utili vantaġġuż lis-soċjetà attriċi li*

[2] P.A., 28.01.2004.
[3] Appell, 03.12.1984.

*unilateralment kienet bagħtet tinforma lis-soċjetà konvenuta li l-kirja ntemmet, u skont il-managing director tagħha Mark Westley dan kien sar għal raġunijiet ta' damage control, u li llum il-ġurnata tinsab fil-pussess sħiħ tal-ajruplan mertu ta' din il-kawża, tant li qiegħda tużah għal skopijiet kummerċjali.*

*In vista ta' dawn ir-riżultanzi, il-Qorti tqis li s-soċjetà attriċi m'għadx għandha l-interess ġuridiku rikjest sabiex tkompli tavvanza l-pretensjonijiet tagħha 'l quddiem, stante li f'dan l-istadju l-azzjoni kif proposta minnha stess ma tista' tissarraf fl-ebda riżultat utili jew vantaġġjuż għaliha.*

*Minkejja dan il-Qorti sejra tgħaddi biex teżamina l-kontrotalba mressqa mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti, u tibda billi tirrileva kif l-allegazzjonijiet ewlenin li saru mis-soċjetà attriċi fil-konfront tas-soċjetà konvenuta jippernjaw madwar l-istat finanzjarju li sabet ruħha fih is-soċjetà konvenuta ftit ġimgħat biss wara li kienet bdiet l-operat tagħha, tant hu hekk li f'temp qasir kienet moruża fil-ħlas ta' diversi obbligazzjonijiet kontrattwali li kellha fost l-oħrajn ma' Transport Malta, ma' kumpannija tal-assigurazzjoni, ma' fornituri tas-servizz ta' manutenzjoni u mas-soċjetà attriċi li kritilha l-ajruplan.*

*Il-Qorti tqis li obbligu ewlieni li kellha s-soċjetà attriċi fil-konfront tas-soċjetà konvenuta kien li mhux biss tikrilha l-ajruplan, billi tikkonsenjah u tafdah lis-soċjetà konvenuta, bid-dokumentazzjoni uffiċjali relattiva li mingħajrha l-ajruplan ma jkunx jista' jtir, iżda wkoll li dan l-ajruplan ikun fi stat tajjeb ta' manutenzjoni tant li jkun jista' jintuża għal perijodu ta' tnax-il xahar mingħajr il-ħtieġa ta' tiswijiet estensivi fuqu. Naturalment dan in omaġġ għall-prinċipju kardinali tal-liġi ċivili li l-oġġett mikri jrid ikun jista' jintuża għall-iskop li għalih ikun inkera. Madankollu jirriżulta mill-provi li nġiebu quddiem il-Qorti li saħansitra fl-ewwel titjira meta dan kellu jinġieb minn bażi f'Montpellier fi Franza lejn Malta, diġà kien hemm l-ewwel problemi b'bieba li ma kinitx tinfetaħ, u dan meta s-soċjetà attriċi kienet ikkonsenjat l-ajruplan inkwistjoni xahar wara d-data miftiehma mas-soċjetà konvenuta, bl-iskuża li riedet issir manutenzjoni estensiva fuq dan l-ajruplan skont il-ftehim li kellhom bejniethom il-partijiet. In vista ta' din l-ewwel problema riskontrata mis-soċjetà konvenuta, hekk kif wasal f'Malta l-ajruplan kellu jittieħed minnufih fil-faċilitajiet ta' Lufthansa Technik sabiex isiru l-ewwel tiswijiet fuqu. Jirriżulta li minkejja li s-soċjetà attriċi kienet aċċettat li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-manutenzjoni meħtieġa f'dak l-istadju, din allegat li l-ispiża li kellha titħallas lil Lufthansa Technik kienet esaġerata, u għalhekk irrifjutat li tagħmel tajjeb għall-ispiża tat-tiswijiet li kienu meħtieġa fuq il-bieba tal-ajruplan.*

*Il-Qorti qieset kif minkejja l-obbligu tas-soċjetà attriċi li tikkonsenja l-ajruplan fi stat tajjeb ta' manutenzjoni sabiex ikun jista' jintuża għall-iskop li għalih inkera, jiġifieri għal titjiriet kummerċjali, kienu diversi l-perijodi li fih dan l-ajruplan kellu jiġi grounded minħabba problemi*

*tekniċi li nqalgħu. Il-Qorti semgħet lill-partijiet iwaħħlu f'xulxin għal dawn il-problemi tekniċi, bis-soċjetà attriċi tgħid li s-soċjetà konvenuta naqset milli tagħmel manutenzjoni fuq bażi regolari kif mitlub minnha, u bis-soċjetà konvenuta titfa' dubji dwar jekk il-manutenzjoni estensiva li suppost kellha ssir mis-soċjetà attriċi fuq l-ajruplan qabel ma dan inġieb f'Malta, kinitx saret jew le. Il-Qorti semgħet lil CAMO tas-soċjetà konvenuta, l-inġinier Ryan Cremona jixhed dwar kif kien hu li nduna li d-dokumentazzjoni li kellha takkumpanja l-ajruplan mill-mument li dan ġie fdat f'idejn is-soċjetà konvenuta, kienet dokumentazzjoni li tirreferi għal manutenzjoni li saret fuq ajruplan ieħor, u li dan l-ajruplan ma kienx konformi mal-Airworthiness Directive checks li kellu jkun suġġett għalihom, tant li dan l-ajruplan għamel żmien twil ma jistax jintuża (grounded) sakemm ġie konformi mal-istandards stabbiliti għal din l-industrija. Il-Qorti kkunsidrat kif l-inġinier Cremona xehed li kien hu, u mhux xi ħadd mill-partijiet fil-kawża, li nduna li d-dokumentazzjoni li kien qiegħed itir biha l-ajruplan ma kinitx dik korretta, anzi kienet dokumentazzjoni li tirreferi għal ajruplan ieħor, u li meta ġie stabbilit li kien hemm crack fil-bulkhead li jista' jwassal biex l-ajruplan jitlef il-pressjoni tiegħu, saħansitra qamu dubji dwar jekk l-AD checks kinux saru kif miftiehem jew le. Is-soċjetà attriċi ppruvat targumenta li s-soċjetà konvenuta kienet bagħtet tekniku sabiex jassigura li l-ajruplan kien fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u li kellu d-dokumentazzjoni kollha kif suppost, iżda is-soċjetà konvenuta wieġbet għal dan billi allegat li minkejja li hi bagħtet tekniku għal perijodu ta' erba' ġimgħat fi Franza sabiex jaċċetta l-konsenja tal-ajruplan, dan ma kienx tħalla jagħmel il-verifiki neċessarji min-naħa tas-soċjetà attriċi.*

*Minkejja dawn id-diverġenzi fix-xhieda mogħtija, il-Qorti tqis li ċertament kumpannija li għadha qiegħda tibda f'settur partikolari u li ssib ruħha f'sitwazzjoni fejn tkun qiegħda tiffaċċja problemi bħal dawk li rriżultaw mill-provi, ma tkunx bdiet l-operat u n-negozju tagħha fuq nota tajba, anki jekk dawk il-problemi ma jkunux attribwibbli għal xi aġir skorrett min-naħa tagħha. Ċertament li mill-provi rriżulta li hemm nuqqasijiet li jistgħu jiġu attribwiti lis-soċjetà konvenuta, li tista' titqies li kienet għadha fledgling company f'dan is-settur, bħalma hu l-fatt li t-tekniku tagħha aċċetta d-dokumentazzjoni mogħtija lilu meta din ma kienitx tappartjeni lill-ajruplan ikkonsenjat lilu. Imma l-Qorti tqis li hu verosimili ferm li s-soċjetà attriċi ma ħallietx it-tekniku mibgħut mis-soċjetà konvenuta jagħmel il-verifiki neċessarji. Nuqqas ieħor tas-soċjetà konvenuta kien li hija m'għamlitx l-arranġamenti neċessarji ma' kumpannija li tipprovdi servizzi ta' manutenzjoni, bħalma hija l-Lufthansa Technik, minn qabel l-ajruplan inġieb f'Malta. Iżda dan in-nuqqas huwa insinifikanti meta tqis li hemm dubji serji dwar jekk il-manutenzjoni miftiehma bejn il-partijiet qabel ġie kkonsenjat l-ajruplan kienitx saret jew le. U meta wieħed jikkunsidra li l-problemi li bdew jirriżultaw hekk kif l-ajruplan inġieb f'Malta, li kienu tant kbar li l-ajruplan ma setax jittajjar għal perijodu konsiderevoli ta' żmien, ċertament li ma kinux problemi*

*dovuti għal nuqqas ta' manutenzjoni ta' rutina, kif ippruvat tallega s-soċjetà attriċi. Xaqq fil-bulkhead li jista' jirriżulta f'dekompressjoni fl-ajruplan waqt li jkun qiegħed itir, ċertament li huwa t-tip ta' difett li ma kienx jirriżulta li kieku saret il-manutenzjoni estensiva li kellha issir fuq l-ajruplan qabel dan inġieb Malta. Ix-xhud Mark Westley xehed li n-negozju tiegħu jinvolvi x-xiri ta' ajruplani li jkunu kważi kważi fi tmiem il-ħajja lavorattiva tagħhom, u li għalhekk ikunu jeħtieġu tiswijiet estensivi fuqhom qabel jerġgħu jibdew jintużaw. Il-fatt li difetti bħal dawk deskritti mir-rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta ma ġewx msewwija qabel il-kunsinna tal-ajruplan, huwa indikattiv tal-fatt li s-soċjetà attriċi naqset milli tonora obbligu ewlieni li kellha, dak li tassigura li l-ajruplan ipprovdut minnha jkun fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, tant li jkun jista' jintuża mingħajr il-ħtieġa li jsiru manutenzjonijiet estensivi fuqu għal perijodu ta' mill-anqas tnax-il xahar.*

*Il-Qorti tqis illi minkejja l-obbligu ċar li kellha s-soċjetà attriċi li tassigura li l-ajruplan ikkonsenjat ikun fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u li għal perijodu ta' tnax-il xahar dan ma jkun jeħtieġ l-ebda manutenzjoni estensiva oħra, fil-verità għal perijodi pjuttost sostanzjali mill-ftit xhur li l-ajruplan inkwistjoni dam jiġi operat mis-soċjetà konvenuta, dan l-ajruplan kellu bżonn ta' tiswijiet estensivi riżultat ta' ħsarat li setgħu jikkompromettu s-sigurtà tal-ajruplan u l-ħajja tal-passiġġieri. Is-soċjetà attriċi ppruvat tattribwixxi dan għall-fatt li s-soċjetà konvenuta naqset milli tagħmel manutenzjoni ta' rutina fuq l-ajruplan skont proċeduri stabbiliti mill-manifattur. Iżda t-tip ta' ħsarat li rriżultaw fuq l-ajruplan mhumiex riżultat ta' nuqqas ta' manutenzjoni regolari, iżda huma ħsarat fl-ajruplan li meta ġie kkonsenjat, ma setax jaqdi l-funzjoni li għaliha ġie mikri.*

*Il-Qorti semgħet lill-esponenti tas-soċjetà konvenuta jixhdu kif mal-wasla ta' dan l-ajruplan f'Malta, sar-roti u l-brejkijiet tiegħu kellhom jinbidlulu, u ċertament li l-ebda kumpannija li b'ħerqa tkun qiegħda tistenna l-wasla tal-vejikolu meħtieġa biex tibda l-operat tagħha, ma tkun tixtieq tibda l-operat billi tissottometti l-ajruplan għal tiswijiet estensivi, li mingħajrhom dan l-ajruplan ma setax itir. L-inġinier Ryan Cremona saħansitra qajjem dubju dwar jekk hux minnu li s-soċjetà attriċi għamlet l-AD checks kif rikjest minnha, u dan meta s-soċjetà attriċi kienet obbligat ruħha li dan l-ajruplan ma jkollu bżonn li ssirlu l-ebda manutenzjoni estensiva oħra għal perijodu ta' tnax-il xahar.*

*Il-Qorti qieset li s-soċjetà konvenuta kienet għadha kumpannija ġdida f'dan is-settur, u jista' jkun li s-setup li ħasbet għalih ma kienx adegwat biex jilqa' għal dawn il-problemi li feġġew sa mill-ewwel ftit sigħat tal-operat tagħha. Iżda l-Qorti tqis ukoll li l-ebda kumpanija, lanqas l-aktar waħda ta' esperjenza fis-settur, m'hija obbligata jkollha l-foresight li tilqa' għall-eventwalitajiet kollha li seħħew tul ir-relazzjoni kummerċjali li kellhom bejniethom il-partijiet. Jidher li s-soċjetà attriċi kienet konsapevoli ta' dawn in-nuqqasijiet serji da parti tagħha, tant li għamlet l-offerta tal-għotja ta' kreditu fl-ammont ta'*

*$30,000 bħala sinjal ta' rieda tajba fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, liema offerta ma ġietx aċċettata u dan minħabba li s-soċjetà konvenuta ppretendiet li m'għandhiex tħallas kera għall-ġimgħat kollha li fihom l-ajruplan ma setax jittajjar minħabba ħsarat tekniċi.*

*Il-Qorti kkunsidrat it-totalità tal-provi li tressqu quddiemha, fosthom il-fatt li l-ajruplan ma kienx konformi mal-conditions of delivery li ġew pattwiti bejn il-partijiet, fattur ewlieni dan li kien ikkontribwixxa għall-problemi waħda wara l-oħra li bdiet tħabbat wiċċha magħhom is-soċjetà konvenuta, u li wasslu biex l-operat tas-soċjetà konvenuta kien kompromess sa minn stadju bikri tal-operat tagħha. Fl-istess żmien li s-soċjetà konvenuta kienet qiegħda tipprova tibni r-reputazzjoni tagħha, sabet ruħha f'sitwazzjoni fejn kellha twaqqaf ħesrem ir-relazzjonijiet kummerċjali li hija kellha ma' terzi, kif ukoll il-fatt li eventwalment is-soċjetà konvenuta kellha twaqqaf l-operat tagħha kompletament, u dan minħabba li ma setgħetx tkampa f'suq bħalma hu dak tal-avjazzjoni bit-tip ta' problemi li kontinwament bdiet tħabbat wiċċha magħhom. Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tasal għall-konklużjoni li s-soċjetà attriċi naqset milli tikkomporta ruħha bil-buona fede meħtieġa f'relazzjonijiet kummerċjali ta' din ix-xorta, u dan sa mill-bidu tar-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet, meta l-kunsinna tal-ajruplan mikri ma saritx skont it-termini miftiehma bejn il-partijiet, tant li l-ajruplan mikri ma setax jintuża għall-iskop li għalih inkera.*

*Is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti fil-kontrotalba tagħha qiegħda titlob lill-Qorti tiddikjara li s-soċjetà attriċi rikonvenzjonata naqset milli twettaq l-obbligi tagħha kif naxxenti mill-kuntratt ta' kera bejn il-partijiet, inkluż l-obbligu li tiggarantixxi l-paċifiku pussess tal-ajruplan, u l-obbligu li tonora l-conditions of delivery, u l-mod kif din unilateralment itterminat il-kuntratt u ħalliet lis-soċjetà konvenuta lampa stampa f'sitwazzjoni fejn din ma kellha l-ebda għażla oħra ħlief li ttemm l-operat tagħha, tant li anki rrinunzjat għaċ-ċertifikazzjoni li kellha li permezz tagħha setgħet topera titjiriet. Huwa f'dan il-kuntest li s-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti qiegħda titlob lil din il-Qorti tillikwida d-danni sofferti minnha, liema danni hija tippretendi li għandhom ikunu fis-somma ta' $661,231.40, skont il-prospett esebit a fol. 346 tal-proċess u d-dokumentazzjoni esebita mis-soċjetà konvenuta in sostenn tal-pretensjonijiet tagħha. Skont il-prospett li ġie esebit mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti, din qiegħda tippretendi l-ħlas lura tas-security deposit imħallas minnha ta' $240,000 rappreżentanti tliet xhur kera tal-ajruplan bil-quddiem u dan il-ħlas sar saħansitra minn qabel il-kunsinna tal-ajruplan.*

*Il-Qorti tqis li t-talbiet tas-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti għandhom jintlaqgħu proprju minħabba l-fatt li s-soċjetà attriċi naqset fir-rigward tal-obbligu ewlieni li kellha li tikkonsenja l-ajruplan fi stat tajjeb ta' manutenzjoni li jkun jista' jintuża għall-iskop li nkera għalih. U in vista tal-fatt li sa mill-ewwel ftit jiem tal-kunsinna ta' dan l-ajruplan, dan kellu jgħaddi minn diversi proċessi ta' tiswijiet, il-Qorti*

*qiegħda tistabbilixxi li l-imsemmi security deposit għandu jitħallas lura lis-soċjetà konvenuta.*

*Is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti qiegħda tippretendi wkoll il-ħlas lura mis-soċjetà attriċi ta' $193,634.14 skont it-timesheet on leasing invoices*[4], *rappreżentanti l-kirjiet attwalment imħallsa mis-soċjetà konvenuta għal numru ta' ġranet li fihom l-ajruplan inkwistjoni ma setax jintuża minħabba li kienet qiegħda ssir manutenzjoni fuqu biex jikkonforma mal-Airworthiness Directive. Mill-provi rriżulta li s-soċjetà konvenuta saret taf f'Awwissu, 2014 mingħand l-inġinier Ryan Cremona li kien jeħtiġilha li tikkonforma mal-Airworthiness Directive kif aġġornata, u li minkejja dan, hi baqgħet m'għamlet xejn u baqgħet tidħol f'kuntratti kummerċjali ma' terzi li kienu jinvolvu l-użu ta' dan l-ajruplan, minkejja li kienet taf li ser jasal il-mument li fih dan l-ajruplan ma kienx ser ikun jista' jintuża għal xi żmien biex ikun jista jikkonforma mal-AD kif aġġornata. In vista ta' dan, il-Qorti tqis li s-soċjetà konvenuta setgħet ħadet miżuri biex timmitiga d-dannu li sofriet waqt li l-ajruplan ma setax jintuża minnha, u huwa għalhekk li qiegħda tqis li dan l-ammont partikolari pretiż mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti m'għandux jitħallas mis-soċjetà attriċi rikonvenzjonata.*

*Is-soċjetà konvenuta qiegħda wkoll tippretendi mingħand s-soċjetà attriċi l-ħlas ta' $98,975 rappreżentanti flejjes imħallsa lis-soċjetà assiguratriċi Generali Assicurazioni għall-perjodu li fih l-ajruplan ma setax jintuża b'rabta mal-AD checks li kellhom isirulu. Għar-raġuni diġà spjegata aktar 'il fuq, il-Qorti tqis li lanqas dan l-ammont m'għandha tagħmel tajjeb għalih is-soċjetà attriċi.*

*Is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti qiegħda titlob ukoll mingħand is-soċjetà attriċi l-ħlas ta' $149,553.32 għall-kiri ta' ajruplani għall-perijodu bejn il-15 ta' Diċembru, 2014 u t-22 ta' Diċembru, 2014, perjodu li fih is-soċjetà konvenuta kellha tikri ajruplani alternattivi mingħand terzi sabiex taqdi l-obbligi kummerċjali tagħha, u dan meta s-soċjetà konvenuta kienet għadha kif kisbet ċertifikazzjoni mill-EASA u liċenzjar biex tkun tista' tkompli topera t-titjiriet fil-15 ta' Diċembru, 2014. Irriżulta però mix-xhieda mogħtija mill-inġinier Ryan Cremona li fil-15 ta' Diċembru, 2014 proprju fil-ġurnata li fiha s-soċjetà konvenuta kisbet il-liċenzjar u ċ-ċertifikazzjoni meħtieġa, l-ajruplan inkwistjoni reġa' ttieħed fil-faċilitajiet tal-Lufthansa Technik għal aktar tiswijiet, u kien għalhekk li s-soċjetà konvenuta kellha tikri ajruplani mingħand żewġ kumpanniji oħrajn sabiex setgħet taqdi l-obbligi kummerċjali li kellha. In vista tal-fatt li jirriżulta li l-ftehim bejn il-partijiet kien jistipula li l-ajruplan inkwistjoni kellu jkun fi stat tajjeb ta' manutenzjoni tant li għal perijodu ta' tnax-il xahar ma kienx ser ikun jeħtieġ tiswijiet estensivi, jirriżultalha għalhekk li din l-ispiża saret mis-soċjetà konvenuta proprju minħabba ksur tat-termini kontrattwali da parti tas-soċjetà attriċi. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tordna li s-soċjetà attriċi għandha tagħmel tajjeb għal din l-ispiża*

[4] Eżebita a fol. 361 tal-proċess.

*inkorsa sabiex inkrew ajruplani mingħand terzi għal perjodu ta' għaxart ijiem.*

*Is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti qiegħda tippretendi mingħand is-soċjetà attriċi l-ħlas ta' $62,001.19 rappreżentanti tariffi mħallsa lil Transport Malta sabiex hi tkun tista' topera liċenzja għal titjiriet, li din il-Qorti tqis li m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala danni li għandha tagħmel tajjeb għalihom is-soċjetà attriċi rikonvenzjonata in vista tal-fatt li s-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti kienet fil-libertà li tikri ajruplani mingħand kumpanniji oħrajn, kif fil-fatt għamlet, sabiex tkun tista' topera titjiriet, u b'hekk tutilizza l-liċenzja mħallsa minnha.*

*Is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti talbet ukoll il-ħlas ta' $39,743.58 rappreżentanti telf ta' qligħ fuq biljetti mibjugħa minnha u li kellhom jiġu rifużi lill-passiġġieri minħabba li t-titjiriet ġew ikkanċellati, kif ukoll il-ħlas ta' $102,547.50 rappreżentanti kumpens imħallas lill-passiġġieri in vista tal-fatt li t-titjiriet tagħhom ġew ikkanċellati wara li s-soċjetà attriċi elevat id-dokumentazzjoni kollha rilevanti għall-ajruplan u s-soċjetà konvenuta kienet kostretta twaqqaf l-operat tagħha ħesrem. Il-Qorti kkunsidrat li in vista tal-fatt li d-dokumentazzjoni rilevanti tal-ajruplan ġiet elevata mill-pussess tas-soċjetà konvenuta mingħajr ebda preavviż jew l-iċken indikazzjoni li kien ser isir hekk, għalhekk kien hemm nuqqas ta' buona fede u ta' prattiċi kummerċjali tajba, stante li b'konsegwenza ta' din il-manuvra s-soċjetà konvenuta kellha twaqqaf ħesrem l-operat tagħha mil-lum għal għada. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li s-soċjetà attriċi rikonvenzjonata għandha tagħmel tajjeb għall-imsemmija danni attwalment sofferti mis-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti.*

*Finalment is-soċjetà konvenuta talbet il-ħlas tas-somma ta' $9,365.44 rappreżentanti spejjeż imħallsa lil Lufthansa Technik b'rabta mat-tiswija li saret fuq il-bieba tal-ajruplan hekk kif dan inġieb Malta, u li s-soċjetà attriċi ppromettiet li tħallas, iżda li baqgħet ma ħallsitx. Il-Qorti kkunsidrat li ladarba dan hu ħlas li kellu jsir b'rabta mal-kunsinna tal-oġġett f'kundizzjoni tajba, l-ispiża marbuta mat-tiswija tal-bieba tal-ajruplan għandha tagħmel tajjeb għaliha s-soċjetà attriċi rikonvenzjonata. It-total tad-danni li s-soċjetà attriċi rikonvenzjonata għandha tħallas lill-konvenuta b'rabta mad-danni sofferti hi ta' $541,209.84."*

18. L-attur *nomine* appella minn din is-sentenza fis-6 ta' Novembru, 2018, u ressaq tliet aggravji.

19. Il-kumpanija konvenuta wieġbet għal dan l-appell fis-26 ta'

Novembru, 2018 u hemmhekk hija tat ir-raġunijiet tagħha għala dan l-appell għandu jiġi miċħud.

20. Inżamm smigħ nhar il-25 ta' Mejju, 2023 u dakinhar il-kawża tħalliet sabiex tingħata s-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet:**

21. Din hija kawża dwar ksur ta' kundizzjonijiet ta' ftehim dwar kiri ta' ajruplan.

22. Il-kumpanija attriċi appellanti ressqet tliet aggravji: (i) tgħid li hija ma taqbilx mad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li l-kawża m'għandhiex utilità għaliha, filwaqt li proċeduralment issostni li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tqajjem dan il-punt minn jeddha; (ii) tilmenta dwar is-sejbien ta' responsabbiltà tagħha li żżomm mal-obbligi tagħha u li ma kellhiex rieda tajba; u (iii) ma taqbilx mad-danni likwidati.

23. Nibdew bl-**<u>ewwel aggravju</u>**, li fih żewġ friegħi, li huwa dwar l-interess ġuridiku tal-kumpanija attriċi sabiex tmexxi l-kawża mressqa minnha.

24. Il-kumpanija appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti semmiet aktar minn darba li hija temmet il-kuntratt ta' kirja li kellha mal-kumpanija appellata

b'mod unilaterali, bħallikieku hija ma kellhiex id-dritt li tagħmel dan u bħallikieku wkoll dan il-fatt ħoloq ħsara lill-istess kumpanija konvenuta. Dan il-punt waħdu juri kemm allura hija għandha interess ġuridiku li t-talbiet tagħha jiġu deċiżi sabiex ikun iddikjarat jekk it-temm tal-kirja min-naħa tagħha kienx mistħoqq jew le. Tgħid li kemm-il darba l-Qrati tagħna kellhom quddiemhom talbiet sabiex il-Qorti tiddikjara li l-kuntratt ġie mitmum, anke meta tali tmiem ikun wieħed *ipso jure* jew maqbul bejn il-partijiet. Dan huwa partikolarment il-każ meta l-parti l-oħra tkun għadha qiegħda ssostni li tali tmiem ma kienx wieħed ġustifikat. Barra minn hekk, tkompli tgħid li l-fatt li d-dokumenti tal-ajruplan jinsabu miżmuma taħt l-awtorità tal-Qorti permezz ta' mandat ta' deskrizzjoni, bil-ħatra ta' kunsinnatarju, ikompli jsaħħaħ l-argument tagħha kemm għandha interess fit-talbiet tagħha sabiex ikun ċar x'għandu jsir minn dawn id-dokumenti.

25. Dwar l-aspett proċedurali ta' dan l-aggravju, il-kumpanija appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti ddeċidiet fuq il-ħtieġa tal-kawża ppreżentata f'ċirkostanzi fejn hija ma ntalbitx tiddeċiedi dwar dan u tqajmet *ex officio* fis-sentenza tagħha u ma tatx il-jedd lilha li titratta u tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha. Tisħaq li kellha tingħata ċ-ċans li tindirizza wkoll dan il-punt u mhux tkun rinfaċċata b'punti u argumenti legali fis-sentenza finali meta jkun tard wisq li tilqa' għalihom.

26. Il-kumpanija appellata laqgħet għal dan l-aggravju billi tenniet li kuntrarjament għal dak li tgħid il-kumpanija appellanti, l-Ewwel Qorti qieset il-kwistjoni tal-interess ġuridiku wara li dan il-punt tressaq fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha. Żiedet tgħid li anke li kieku l-punt tqajjem mill-Ewwel Qorti minn jeddha, din hija kwistjoni ta' ordni pubbliku u l-Qorti għandha l-obbligu tħares dik l-ordni u f'dan il-każ l-Ewwel Qorti setgħet tiddeċiedi billi l-provi rigward din il-kwistjoni huma inkontestabbli u ammessi anke mill-kumpanija appellanti stess. Fi kwalunkwe każ, l-Ewwel Qorti semgħet il-provi kollha relevanti billi tressqet kontrotalba u l-kumpanija appellanti kellha kull ċans tilqa' u tirrispondi għall-istess. Tippreċiża li l-punt tqajjem fin-nota ta' sottomissjonijiet wara li waqt il-kontroeżamijiet li saru fil-konfront tax-xhieda mressqa mill-kumpanija appellanti rriżulta li fil-fatt l-istess kumpanija attriċi kienet ħadet lura l-pussess tal-ajruplan.

27. Magħdud ma' dan, in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kumpanija appellata ġiet ippreżentata qabel dik tal-kumpanija appellanti u għalhekk din tal-aħħar kellha kull ċans li kieku riedet fin-nota tagħha u li kieku ħasset li ma kellhiex opportunità tressaq provi fuq il-kwistjoni messha ressqet talba jew sottomissjoni dwar dan u mhux ħalliet lill-Ewwel Qorti tmexxi u issa qiegħda tappella għaliex l-Ewwel Qorti ddeċidiet fuq il-kwistjoni.

28. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-aggravju fil-mertu, il-kumpanija appellata tgħid li bħala stat ta' fatt il-kumpanija attriċi kienet temmet il-kirja u l-kuntratt u kienet diġà ħadet lura l-pussess tal-ajruplan u hija ma kellhiex il-pussess tad-dokumenti u b'hekk it-talbiet tal-kumpanija appellanti kienu ġew eżawriti, huma eżawriti u jibqgħu eżawriti. Ippreċiżat ukoll li hija qatt ma insistiet li l-kuntratt kien għadu fis-seħħ.

29. Din il-Qorti se tibda billi tqis l-ewwel l-aspett proċedurali ta' dan l-aggravju.

30. Il-liġi tgħid fl-**Artikolu 728(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li meta l-kawża tkun inbdiet permezz ta' rikors maħluf, allura bħala regola ġenerali l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut għandhom jingħataw fir-risposta maħlufa. Skont l-**Artikolu 158(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, din ir-risposta maħlufa trid tiġi ppreżentata fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika tar-rikors maħluf.

31. L**-Artikolu 728(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jkompli jgħid li ebda eċċezzjoni oħra ma tista' tingħata f'waqt ieħor tal-kawża, b'dan li l-Qorti tista' meta jsirilha rikors mill-konvenut, tippermetti li jingħataw iktar eċċezzjonijiet, jekk il-Qorti tkun sodisfatta li kien hemm raġunijiet validi għaliex dawn l-eċċezzjonijiet ma jkunux

ingħataw fir-risposta oriġinali.

32. Madankollu din ir-regola ġenerali li eċċezzjonijiet addizzjonali għandhom jitħallew jitressqu biss jekk ikun hemm il-barka tal-qorti, ma tgħoddx f'żewġ sitwazzjonijiet speċifiċi, *viz*. (i) jekk l-eċċezzjoni addizzjonali tkun waħda li tista' titressaq f'kull waqt tal-proċeduri skont il-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** (ara **Artikolu 731** tal-istess Kodiċi); u (ii) jekk l-eċċezzjoni addizzjonali tkun waħda ta' sura perentorja (ara **Artikolu 732** tal-istess Kodiċi). Għal aktar tagħrif dwar dan is-suġġett wieħed jista' jara s-sentenzi ***Sunspot Tours Limited v. C.H. Caterers Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Diċembru, 2003, ***Bank of Valletta plc v. Sand & Gravel Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru, 2013, ***Nicholas de Giorgio v. Vincent Paul Savona et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru, 2016 u ***Paul Fiorentino et v. David Jones noe*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2018).

33. Kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza ***Kevin Azzopardi v. L-Onorevoli Prim Ministru et*** deċiża fis-27 ta' Marzu, 2014, jekk l-eċċezzjoni addizzjonali tkun ta' sura perentorja jew l-eċċezzjoni addizzjonali tkun waħda li tista' titqajjem f'kull stadju skont il-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, allura l-Qorti ma tistax tinqeda bid-diskrezzjoni li tara jekk kienx hemm raġuni tajba għaliex

dawn l-eċċezzjonijiet ma jkunux tressqu qabel, iżda, hija marbuta li tħallihom jitressqu fil-kawża.

34. Tassew l-uniku stħarriġ li trid tagħmel il-Qorti f'qagħda bħal din, huwa li tikkonferma jekk l-eċċezzjoni addizzjonali mqanqla mill-konvenut hijiex tabilħaqq ta' sura perentorja jew inkella jekk din hijiex eċċezzjoni li tista' titqajjem f'kull stadju skont il-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

35. Imħaddem dan kollu għall-każ tagħna, il-kumpanija appellata fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha ressqet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess ġuridiku tal-kumpanija attriċi sabiex tmexxi u tirnexxi fil-kawża tagħha.

36. Il-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** mkien ma jgħid li eċċezzjoni bħal din tista' titqajjem f'kull waqt tal-kawża. Għalhekk li trid tara din il-Qorti huwa jekk din l-eċċezzjoni hijiex waħda ta' sura perentorja jew le.

37. Fil-liġi tagħna ma nsibux tifsira tal-kliem, '*eċċezzjoni perentorja*', madankollu din il-Qorti taqbel ma' dak li ngħad mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-sentenza ***Pauline Brockdorff v. Mondial Travel*** maqtugħa fit-28 ta' Novembru, 2008, illi eċċezzjonijiet perentorji

li jaqgħu taħt l-**Artikolu 732 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, "*huma dawk li jekk jintlaqgħu jeżawrixxu għalkollox il-mertu b'mod li l-kawża ma tistax terġa' tiġi proposta kontra l-istess konvenut*".

38. Huwa paċifiku illi l-eċċezzjoni tal-interess ġuridiku hija eċċezzjoni ta' natura perentorja u bħala tali hija sollevabbli f'kull stadju tal-proċeduri, anke fi stadju ta' appell, kif ukoll hija ta' portata tant serja fuq l-eżitu, li tista' tiġi sollevata *ex officio* mill-Qorti (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Jannar, 2018 fil-kawża fl-ismijiet ***Emily Stivala et v. Paula Pace****)*.

39. Ġie mtenni fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Marzu, 2020 fil-kawża fl-ismijiet ***Angela Debattista et v. Joanne Debattista et*** li: *"Għalkemm din il-kwistjoni tal-karenza tal-interess ġuridiku ma tqajmitx bħala eċċezzjoni, huwa risaput li l-karenza tal-interess ġuridiku tista' titqajjem anke ex officio mill-qorti, dejjem però li l-partijiet għandhom jingħataw l-opportunità li jesprimu l-fehma tagħhom fir-rigward, qabel ma tingħata s-sentenza (ara* ***Kevin Chircop v. Joseph Chircop*** *(App Superjuri, 01.12.2006) u* ***Veronique u Charmaine Amato Gauci v. Marco u Anna konjuġi Żammit*** *(App Inferjuri, 19.05.2004)). Din il-pożizzjoni fil-fatt ġiet kristalizzata fl-Artikolu 732A tal-Kap. 12, promulgat bl-Att IV tal-2016. Fil-każ odjern iż-żewġ partijiet ressqu l-argumenti*

*tagħhom fir-rigward. Għalhekk l-ewwel Qorti setgħet ippronunzjat ruħha dwar il-kwistjoni".*

40. Fis-sentenza reċenti tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Marzu, 2022 fil-kawża fl-ismijiet ***Katarius P & I Limited v. Maestro Joseph Gatt,*** *"Din il-Qorti taqbel ma' dik il-ġurisprudenza li tikkonferma li eċċezzjoni bħal dik tista' titqajjem mill-qorti ex officio. Għandu jkun ovvju li fejn qorti jirriżultalha li attur m'għandux interess ġuridiku, irrispettivament jekk ingħatax eċċezzjoni f'dak is-sens, il-mertu ma jistax jiġi kkunsidrat. L-interess ġuridiku hi kundizzjoni essenzjali sabiex l-attur jiftaħ kawża u jrid jibqa' fis-seħħ it-tul tal-kawża kollha. Ma jirriżultax li l-ewwel Qorti tat l-opportunità lill-partijiet li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar dik l-eċċezzjoni li ssemmiet għall-ewwel darba fis-sentenza. Madankollu, fl-istadju tal-appell il-partijiet kellhom l-opportunità li jagħmlu l-argumenti li riedu dwar jekk l-attriċi għandhiex interess ġuridiku. Dan apparti li l-attriċi ma semmiet l-ebda xhud li għandu jixhed għall-finijiet ta' dik* l-eċċezzjoni. Għalhekk mhuwiex il-każ li l-Qorti tħassar is-sentenza minħabba dak in-nuqqas tal-ewwel Qorti."*

41. Induru għall-każ tagħna, jirriżulta mill-atti li l-kumpanija appellata semmiet in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-kumpanija appellanti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha. Hija ppreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha qabel dik tal-kumpanija attriċi. Tant huwa hekk, li meta l-

kumpanija attriċi ppreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, hija wieġbet lill-kumpanija appellata fuq dan il-punt u saħqet li kien meħtieġ li jiġi ddikjarat mill-Qorti li l-kuntratt ġie effettivament mitmum u li kien hemm raġuni valida sabiex jiġi mitmum. F'dak l-istadju l-kumpanija appellanti waqfet hemm. Ma ressqet l-ebda rikors sabiex tilmenta dwar il-fatt li l-kumpanija appellata kienet ressqet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess ġuridiku l-ewwel darba fin-nota ta' sottomissjonijiet mingħajr ma mxiet mal-proċedura. Lanqas talbet lill-Ewwel Qorti sabiex tressaq xi provi dwar l-istess. Kien għad fadal żmien għall-għoti tas-sentenza billi hija ġiet notifikata bin-nota ta' sottomissjonijiet tal-kumpanija appellata fit-23 ta' Mejju, 2018 u s-sentenza kellha tingħata fis-17 ta' Ottubru, 2018.

42. Mhux hekk biss. Il-kumpanija appellanti kellha wkoll iċ-ċans li titratta dan il-punt quddiem din il-Qorti. Barra mill-fatt li ressqet aggravju bis-sottomissjonijiet fil-mertu, iżda kellha kull jedd titratta verbalment. Mill-verbal tas-seduta tal-25 ta' Mejju, 2023 jirriżulta però li l-partijiet għażlu li jistrieħu fuq l-atti.

43. Għaldaqstant filwaqt li din il-Qorti tisħaq li meta Qorti tkun imħabbta b'ċirkostanzi bħal dawk tal-lum, ikun ferm aħjar li tagħti l-jedd lill-parti li kontra tagħha tkun ressqet l-eċċezzjoni ulterjuri, li tressaq provi jew sottomissjonijiet dwar l-istess, fil-każ tagħna rriżulta li bħala

fatt għalkemm l-Ewwel Qorti ma ssospendietx il-prolazzjoni tas-sentenza jirriżulta li l-kumpanija appellanti kienet hija stess li wieġbet dwar din l-eċċezzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha mingħajr ma qalet xejn aktar.

44. Għalhekk din il-Qorti ma tqisx li din il-parti tal-aggravju hija siewja.

45. Imwarrba din il-parti proċedurali tal-ewwel aggravju, ngħaddu issa għall-mertu tal-istess aggravju.

46. Il-Qorti tqis li l-interess ġuridiku huwa l-miżura u l-bażi tal-azzjoni. Ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess ġuridiku. L-attur f'kawża irid ikollu interess li jmexxi bl-azzjoni u jikseb l-ilqugħ tagħha. Dan l-interess irid ikun wieħed dirett, leġittimu u attwali. Biex persuna tressaq talba f'kawża u żżommha ħajja, din it-talba teħtieġ li tkun iġġibilha riżultat siewi u utli. Tassew, jekk l-azzjoni ma tistax twassal għal riżultat bħal dan għal min iressaqha, dik l-azzjoni ma tistax tirnexxi (ara ***Robert Butler v. Lt. Col. John Philip d'Estoteville Shipwith*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Marzu, 1964, ***Joseph Agius v. Vincent Ellul*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Ottubru, 2002 u ***Henry Tabone v. Hilda Demajo*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-3 ta' Novembru, 2004).

47. Ma hemmx dubju li l-Qrati huma aċċessibbli għal kulħadd, iżda huwa magħruf ukoll li min iressaq talba quddiem il-Qrati jrid juri li huwa għandu dritt li ġie lilu miksur u li hu jrid li dak id-dritt jerġa' jiġi mogħti lilu mill-konvenut (ara ***Salvu Mintoff & Sons Ltd v. Road Construction Ltd et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Diċembru, 2005; u ***Tas-Sold Construction Limited et v. Adrian Grech et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Ġunju, 2023).

48. Sfiq ma' dan, jingħad li fl-ordinament ġuridiku Malti jidher ċar illi għalkemm huwa essenzjali li jkun hemm l-interess ġuridiku meta proċedura tiġi proposta, jeħtieġ illi dan l-interess jinżamm ħaj matul id-durata ta' dik l-istess proċedura, b'dan illi jekk minħabba xi ċirkostanza li tavvera ruħha waqt il-mori tal-proċedura dik il-proċedura ma tkunx tista' tagħti riżultat vantaġġjuż lil min ikun ressaqha, allura jkun jista' jingħad li l-azzjoni ma tibqax iżjed vijabbli. Kif intqal min din il-Qorti fil-kawża ***Amato Gauci v. Zammit*** deċiża fid-19 ta' Mejju, 2014:

> *"Jekk l-azzjoni ma tkunx kapaċi twassal għal tali riżultat utli għal min jipproponiha minħabba fatt sopravvenut għall-istituzzjoni tal-kawża li jeżawrixxi jew jestingwi l-interess, dik l-azzjoni ma tistax treġi."*

(ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' Jannar, 2022 fil-kawża fl-ismijiet ***Zeynep Buhagiar v. Id-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati et***).

49. Imħaddma dawn il-prinċipji għall-fatti tal-każ tagħna, din il-Qorti

tqis li l-Ewwel Qorti ddeċidiet tajjeb. Fi ftit kliem, il-kumpanija attriċi li kienet kriet ajruplan lill-kumpanija konvenuta permezz ta' kuntratt datat 26 ta' Marzu, 2014, fetħet il-kawża u talbet lill-Qorti tiddikjara li l-ftehim tal-kirja tal-ajruplan huwa mitmum u sabiex jiġi ordnat lill-kumpanija konvenuta trodd lura l-pussess tal-ajruplan lilha, flimkien mad-dokumenti uffiċjali tal-ajruplan. Ir-raġunijiet li ressqet il-kumpanija kienu bosta. Fit-tweġiba tagħha, il-kumpanija konvenuta filwaqt li ċaħdet l-allegazzjonijiet fil-konfront tagħha fl-ebda mument ma sostniet li l-kuntratt ta' kirja tal-ajruplan kien għadu fis-seħħ.

50. Irriżulta mill-provi li l-kumpanija attriċi temmet il-kuntratt ta' kera permezz ta' ittra tal-14 ta' Jannar, 2015 abbażi tal-**Artikolu 23.2.1** tal-ftehim ta' bejniethom. Il-kumpanija attriċi ma waqfitx hemm fl-azzjonijiet tagħha. Talbet li jinħareġ mandat ta' deskrizzjoni fuq l-ajruplan u talbet ukoll li d-dokumenti uffiċjali tal-ajruplan jiġu elevati u miżmuma minn kunsinnatarju. Waqt il-ġbir tal-provi, ċjoè waqt il-kontroeżami ta' Mark Westley[5] fis-seduta tat-22 ta' Marzu, 2017, ħareġ li wara li d-dokumenti tal-ajruplan ġew elevati mingħand il-kumpanija konvenuta l-ajruplan inkwistjoni inkera lil terzi bl-approvazzjoni ta' Transport Malta. Ix-xhud Ryan Cremona waqt is-seduta tat-12 ta' Ġunju, 2017 fejn kien qiegħed jitkompla l-kontroeżami tiegħu kkonferma li hekk kif inqabdu d-dokumenti relevanti għall-manutenzjoni tal-ajruplan dan ma setax ikompli jittajjar. Huwa kkonferma wkoll li l-kumpanija attriċi tat aċċess

[5] *Managing director* tal-kumpanija attriċi.

għall-ajruplan lil terzi. Għaldaqstant l-Ewwel Qorti qalet sew li ladarba l-kumpanija attriċi ħadet pussess tal-ajruplan u qiegħda tagħmel użu minnu għal skopijiet kummerċjali, tant li nkera lil terzi, il-kawża m'hu se twassal għal ebda riżultat utili jew vantaġġjuż għaliha billi dak li talbet fiż-żewġ talbiet tagħha bħala fatt diġà seħħ.

51. Fl-aħħar nett, mhuwiex fejjiedi l-argument tal-kumpanija appellanti li hija għandha interess ġuridiku li tikseb deċiżjoni dwar it-talbiet tagħha għaliex hija qiegħda tikkontesta l-kontrotalba. Huwa magħruf li l-kontrotalba hija distinta mill-kawża attriċi. Ingħad fis-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001 fil-kawża fl-ismijiet ***Sammy Meilaq noe v. Oral Attinel noe*** li: *"Affermat il-prinċipju li l-att taċ-ċitazzjoni u l-kontrotalba jippromwovu żewġ azzjonijiet distinti li kellhom eżistenza indipendenti u awtonoma, tant li hu paċifiku li l-kontrotalba setgħet tibqa' tiġi kunsidrata u deċiża, nonostante illi t-talba attriċi tkun ġiet ċeduta, wieħed kellu proprjament jasal għall-konklużjoni inevitabbli li kemm l-azzjoni, kif ukoll il-kontrotalba kellhom in-natura proprja tagħhom, u kienu konnessi biss sal-punt illi l-liġi, fil-limiti wiesgħa kif issa emendata, teżiġi biex il-konvenut ikun jista' jipproponi kontrotalba."*

52. Għaldaqstant l-ewwel aggravju qiegħed jiġi miċħud.

53. Ngħaddu issa għat-**<u>tieni aggravju</u>** li huwa maqsum f'diversi punti.

Il-kumpanija appellanti tilmenta li l-Ewwel Qorti wettqet għarbiel ħażin tal-provi u ħadmet ħażin il-prinċipji legali dwar l-obbligazzjonijiet kuntrattwali u dan meta kkonkludiet li hija kienet naqset mill-obbligi tagħha fuq il-kuntratt ta' kirja għaliex ma ġabitx ruħha b'rieda tajba.

54. Illi huwa magħruf li f'materja kuntrattwali l-ftehim huwa liġi għall-partijiet kontraenti (ara **Artikolu 992(1) Kodiċi Ċivili** u ***Carmelo Bajada noe v. Fr. S. Cachia et noe***, Appell Kummerċjali deċiż fis-16 ta' Lulju, 1973).

55. Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kuntrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata (ara ***Gloria mart Jonathan Beacon et v. L-Arkitett u Inġinier Ċivili Anthony Spiteri Staines*** – Appell Ċivili deċiż fil-5 ta' Ottubru, 1998).

56. It-tħaddim ta' din id-dispożizzjoni, minkejja l-konsegwenzi iebsa li jistgħu jinstiltu minnha fil-prattika, ġejja mir-rispett li jrid jingħata lill-prinċipju li ftehim validu bejn il-partijiet għandu s-saħħa ta' liġi bejniethom (*pacta sunt servanda*), u l-ebda Qorti m'għandha tindaħal fi ftehim bħal dan dment li dak il-ftehim ma jkunx milqut b'xi difett li jġibu ma jiswiex. Madankollu, illum huwa aċċettat li l-applikazzjoni tar-regola minsuġa fil-**Kodiċi Ċivili** trid tiġi interpretata wkoll fid-dawl ta' prinċipju

ieħor ewlieni tad-dritt jiġifieri li l-kuntratti jiġu eżegwiti *in bona fede* (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-26 ta' Novembru, 2015 fil-kawża fl-ismijiet ***Golden Bun Manufacturing Company Limited v. Korporazzjoni għall-Intrapriża et***).

57. Nibdew inqisu din il-parti tal-aggravju. Il-kumpanija appellanti ssostni li minn qari tas-sentenza appellata jidher b'mod ċar li l-Ewwel Qorti fehmet il-fatti tal-każ b'mod ħażin. Tgħid ukoll li jidher li hemm numru ta' kontradizzjonijiet bejn min-naħa 'l waħda l-konsiderazzjonijiet legali tal-Qorti li wasslu għas-sejba ta' responsabbiltà, u min-naħa l-oħra d-deċiżjonijiet dwar id-danni u l-ammont tagħhom fl-aħħar parti tas-sentenza. Tkompli tgħid li l-Ewwel Qorti għamlet enfażi kbira fuq assunzjoni, liema punt għamlitu fatt, ċjoè li l-kumpanija appellata kienet għadha ġdida fis-suq tal-avjazzjoni u li b'hekk bħal donnu kellha bżonn ħarsien aktar mill-attriċi. Dan il-punt issemma ħafna drabi mill-Ewwel Qorti tant li donnu ġġustifika s-sejba ta' responsabbiltà fuq il-kumpanija appellanti. Targumenta li l-kumpanija konvenuta kienet taf x'qiegħda tiffirma u kienet taf li qiegħda tikri ajruplan li kien fl-*end of life* tiegħu f'kundizzjoni *as is where is*, u kienet taf (jew kellha tkun taf) in-negozju li dieħla għalih, u dan irrispettivament minn jekk hija kinitx operatur ġdid jew kumpanija ta' esperjenza. Għalhekk tgħid li mhux sew li l-Qorti titratta bl-id tas-satin lill-kumpanija konvenuta għaliex għadha tibda f'negozju u tkun maħfura milli tosserva u tonora l-obbligi kuntrattwali

tagħha, filwaqt li titratta bl-id tal-ħadid u jinxteħet fuqha oneru kuntrattwali u ta' rieda tajba aktar minn dak li normalment huwa meħtieġ minnha.

58. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-kumpanija appellata wieġbet li kull ma għamlet l-Ewwel Qorti kien li għarfet stat ta' fatt. Huwa minnu li hija kienet qiegħda tistabbilixxi ruħha fis-settur tal-avjazzjoni. Dan kien fatt magħruf iddikjarat miż-żewġ partijiet. Ħadd ma talab jew stenna xi eżenzjoni minn xi obbligu kuntrattwali jew ippretenda xi ħarsien privileġġjat min-naħa tal-Qrati.

59. Dan l-argument tal-kumpanija appellanti huwa bla ebda bażi legali. Ma jistax ma jiġix innutat li kienet l-istess kumpanija appellanti li fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħha testwalment kitbet hekk: "*Ir-realtà hi li l-konvenuta m'għandhiex esperjenza f'din l-industrija tal-operazzjoni tal-ajruplani u ma kinitx preparata sabiex topera ajruplan. Kif jixhed Mark Westley, fil-bidu tal-kirja kien hemm diversi nuqqasijiet da parti tal-konvenuta li l-kaġun tagħhom kienet l-inesperjenza u n-nuqqas ta' preparazzjoni tagħha.*" Minn imkien ma jirriżulta li l-Ewwel Qorti xaqilbet l-obbligi kuntrattwali favur jew kontra xi parti. Billi l-Ewwel Qorti semmiet l-inesperjenza tal-kumpanija konvenuta fil-qasam tal-avjazzjoni ma jfissirx li ħelsitha mill-obbligi li kienu mixħutin fuqha fil-kuntratt li hija ffirmat.

60. Il-kumpanija appellanti tgħid ukoll li l-Ewwel Qorti qalet u fehmet ħażin li d-dokumentazzjoni li tirreferi għall-manutenzjoni li saret fuq l-ajruplan u li dan l-ajruplan ma kienx konformi mal-*Airworthiness Directive checks* li kellu jkun suġġett għalihom kienet kollha ta' ajruplan ieħor. Dak li rriżulta mill-provi huwa li kien AD wieħed biss minn fost id-dokumentazzjoni kollha tal-ajruplan li kien jirreferi għal ajruplan ieħor. Dan il-punt jagħmel differenza enormi għall-konsiderazzjonijiet legali li wettqet l-Ewwel Qorti, inkluż il-konsiderazzjonijiet dwar l-obbligi tal-attriċi u r-rieda tajba tagħha. Hija qatt ma assumiet responsabbiltà għal din il-kwistjoni għalkemm xorta ppruvat tgħin u ssostni lill-kumpanija konvenuta sabiex issolvi dik il-problema.

61. Tkompli wkoll issostni li meta saret il-konsenja tal-ajruplan, il-kumpanija konvenuta bagħtet tekniku tagħha sabiex iwettaq il-verifiki tiegħu, li jinkludu prinċipalment il-verifiki tad-dokumentazzjoni tal-ajruplan u jieħu l-konsenja formali tal-ajruplan. Dan it-tekniku għamel erba' ġimgħat fi Franza u ffirma l-*Acceptance Certificate*. Tiċħad l-allegazzjoni li t-tekniku ma tħalliex iwettaq il-verifiki meħtieġa. Barra minn hekk tgħid li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-ajruplan ma ġiex ikkonsenjat fil-kundizzjoni u fl-istat ta' manutenzjoni kif miftiehem, billi fehmet li d-dokumentazzjoni tal-ajruplan kienet ta' ajruplan ieħor u li l-kumpanija konvenuta kienet għadha ġdida fil-qasam tal-avjazzjoni. L-

Ewwel Qorti warrbet id-dispożizzjonijiet kuntrattwali li l-partijiet ftehmu dwarhom, fosthom li l-ajruplan kien *end of life*, li kellu jiġi kkonsenjat *as is, where is* u warrbet il-fatt li ġie ffirmat l-*acceptance certificate*. Żiedet li l-problemi li nqalgħu fl-ewwel titjira huma komuni li jinqalgħu u hija stess offriet li tagħmel tajjeb għalihom. Iżżid li din hija kwistjoni ta' natura teknika li tmur lil hinn mill-kompetenza tal-Qorti. Ma nġabet l-ebda prova teknika u wisq anqas inħatar xi espert tekniku.

62. Il-kumpanija appellata laqgħet għal din il-parti tal-aggravju billi tfakkar li kien ir-rappreżentant tal-kumpanija appellanti stess, Mark Westley, li kkonferma li kien hemm dokument ta' ajruplan ieħor mad-dokumentazzjoni. Mill-fatti jirriżulta li wara li hija bdiet topera bl-ajruplan Ryan Cremona[6] kien innota li ma kinux saru l-AD Checks fuq l-ajruplan, liema AD Checks huma kruċjali għas-sigurtà u l-integrità tal-istess ajruplan. Cremona xehed li lemaħ din id-diskrepanza u kien avżaha li l-AD ma saritx u li dik eżistenti kienet ser tiskadi qabel il-waqt. Avża wkoll lill-kumpanija appellanti permezz ta' diversi *emails* li min-naħa tagħha nsistiet li l-AD Checks kienu saru fuq l-ajruplan. Madankollu, meta l-kumpanija appellanti ppruvat tikkonferma mal-kumpanija ġewwa Franza, Valliere Aviation, li kienet wettqet il-*maintenance,* din il-kumpanija għarrfet li ma kellha l-ebda dokument jew rekord li jikkonferma li dak l-AD Check kien sar[7]. Tkompli li għalkemm huwa

[6] Rappreżentant ta' kumpanija terza 3PlexAero li kien oriġinarjament ingaġġat magħha bħala l-CAMO.
[7] *Email* tat-12 ta' Novembru, 2014 minn rappreżentant tal-kumpanija Franċiża.

minnu li bagħtet persuna sabiex tieħu l-pussess tal-ajruplan u seta' għamel xi verifiki, dawn ikunu ta' natura ġenerika tal-kundizzjoni tal-ajruplan. F'dak il-mument ma kienx ovvju li l-AD Checks ma kinux saru. Iżda fi kwalunkwe każ, wieħed ma jistax jinjora l-fatt illi kien hemm dokument ta' ajruplan ieħor li ta l-impressjoni li l-AD Checks kienu saru. L-ajruplan ma jiġix b'dokument wieħed iżda f'dan il-każ ġie b'madwar 40 sa 60 kaxxa, mimlija b'dokumenti u persuna waħedha ma tistax tivverifika kollox u fl-aħħar mill-aħħar il-kumpanija appellanti tat garanzija fil-kuntratt li dawn l-AD Checks kienu saru u validi għal sena.

63. Illi l-kumpanija appellanti tgħid sew li kien biss dokument wieħed li kien jirreferi għal ajruplan ieħor, iżda dak id-dokument kien wieħed ta' importanza billi kien jirreferi għal AD li wkoll kellu effett fuq l-użu tal-ajruplan. Mill-provi rriżulta li l-ajruplan ġie kkonsenjat xahar tard. Mill-provi rriżulta wkoll li sa mill-ewwel titjira kien hemm problemi b'bieba li ma kinitx tinfetaħ, tant li l-ajruplan kellu jittieħed minnufih fil-faċilitajiet ta' Lufthansa Technik għat-tiswijiet. Il-kumpanija attriċi aċċettat li kellha tħallas tal-manutenzjoni iżda ma ħallsithiex.

64. Id-dokumenti li ssottomettiet il-kumpanija appellata fit-tweġiba dwar dawn il-punti kienu kollha minnhom. Huwa minnu li mal-konsenja tal-ajruplan, intbagħat rappreżentant tal-kumpanija konvenuta li ffirma

Dok MW1 datat 26 ta' Mejju, 2014[8] li kien jgħid: *"The Aircraft is in compliance with the terms of the Agreement and the Aircraft Documentation are in all respects and for all purposes satisfactory to the lessee."* Però l-iffirmar ta' dan id-dokumenti ma jeħlisx lill-kumpanija attriċi mill-obbligu tagħha li l-ajruplan fl-aħħar mill-aħħar inkera sabiex jintuża għal skopijiet kummerċjali. Tant huwa hekk li l-kumpanija konvenuta kellha ftehim ma' kumpanija terza.

65. M'hemmx dubju li l-kumpanija konvenuta waqgħet lura fil-ħlas tal-kera li kien l-obbligu tagħha. Iżda ma jistax ma jiġix innutat li Mark Westley[9] xehed li fil-bidu ma kienx hemm problemi bejn il-partijiet, għalkemm allega li l-ħlasijiet bdew isiru tardivament. Il-problemi ta' morożità bdiet taggrava f'Ottubru 2014 tant li l-partijiet kellhom laqgħa bejniethom u tfassal pjan ta' kif se jsiru l-ħlasijiet. Min-naħa l-oħra għall-ħabta ta' Awwissu 2014 ġie nfurmat li l-ajruplan kien qiegħed ikollu problemi fil-magni.

66. Irriżulta wkoll li Ryan Cremona kien innota diskrepanza fid-dokumenti tal-ajruplan lejn l-aħħar ta' Awwissu, 2014. Kien avża lill-kumpanija konvenuta u ġibed ukoll l-attenzjoni tal-kumpanija attriċi. Huwa xehed li fil-bidu, iż-żewġ partijiet qalu li l-AD Check kien sar iżda huwa baqa' jinsisti. Il-kumpanija appellanti baqgħet tgħid li dan kien sar,

---

[8] F'paġna 150 tal-proċess.
[9] Fis-seduta tad-19 ta' Ġunju, 2016.

iżda d-dokument baqa' qatt ma ġie mgħoddi lilu. Lanqas mill-verifiki mal-kumpanija li wettqet il-manutenzjoni dan id-dokument ma nstabx. Fuq bażi ta' probabilità, dan l-AD Check ma kienx sar u barra minn hekk irriżulta wkoll li kien hemm xaqq fil-*bulkhead* u b'hekk kien hemm ħtieġa wkoll li jsiru tiswijiet. Irriżulta wkoll li fil-kaxxi tad-dokumenti tal-ajruplan kien hemm dokument dwar AD Check li kienu saru fuq ajruplan ieħor. Għalhekk irriżulta li kuntrarju għal dak maqbul bejn il-partijiet, l-AD Checks ma kinux saru kollha. Din il-kwistjoni ssolviet fl-aħħar ta' Diċembru 2014 u l-ajruplan ma setax jittajjar għal diversi ġimgħat. Din l-AD Check kienet se tiskadi fl-24 ta' Ottubru, 2014. Ta' siwi li ssir referenza għal *email* mibgħuta fl-24 ta' Novembru, 2014 minn Gene Mashlan, rappreżentant tal-kumpanija attriċi, lil Lufthansa Technik:

> *"Aerotron as the owner of a B737-400 Registered as 9H-HER Leased to and operated by Hermes Aviation has an urgent requirement to have an AD accomplished on its Aircraft which has now been grounded for a couple of weeks while we have been trying to obtain from the MRO that carried out the entry into Service checks on the aircraft if they did in fact accomplish the work as we have found some anomalies with the paper work referring to a differenti aircraft.*
>
> *Long story short, is that Hermes have a flying contract due to start on the 12th December and Aerotron would like to assist our Lessee in getting the aircraft back int o revenue Service urgently and request the assistance of LHT."*

67. Il-kumpanija Lufthansa Technik sabet li hemm ħsarat u l-kumpanija appellanti aċċettat li jsiru l-manutenzjoni u t-tiswijiet meħtieġa bi spejjeż għaliha.

68. Jirrżulta wkoll mill-provi li billi l-ajruplan ma setax jittajjar, il-kumpanija konvenuta, li kellha kuntratt ma' kumpanija terza, kellha tikri ajruplani oħra sabiex tkun tista' taħdem u twettaq l-obbligi kuntrattwali tagħha u b'hekk daħlet fi spejjeż kbar. Għalhekk talbet lill-kumpanija appellanti sabiex ma tħallasx kera tal-ajruplan għaż-żmien li fih l-ajruplan ma setax jittajjar. Dan anke meħud in konsiderazzjoni li l-AD Check kienet f'dak il-perjodu responsabbiltà tal-kumpanija attriċi. Huwa minnu li l-kumpanija konvenuta saret taf f'Awwissu, 2014 li AD Check ma kinitx saret iżda mill-iskambju ta' *emails* joħroġ li dam biex ġie stabbilit jekk din kinitx saret jew le.

69. Kwistjoni oħra li nqalgħet hija li l-kumpanija attriċi tgħid li temmet il-kuntratt ta' kiri wkoll għaliex ma tħallsitx l-assigurazzjoni tal-ajruplan u allegat li l-kumpanija konvenuta tajret l-ajruplan meta ma kienx assigurat. Din l-aħħar allegazzjoni ma ġietx ippruvata. Għal dak li huwa ħlas ta' assigurazzjoni r-rappreżentant tal-kumpanija konvenuta, Paolo Di Grandi, jammetti li rċevew avviż ta' terminazzjoni mill-assigurazzjoni iżda dan kien avviż li fih il-kumpanija ngħatat madwar xahar żmien sabiex tħallas, u fil-fatt mal-ewwel ċans l-assigurazzjoni tħallset. Jirriżulta wkoll li l-kumpanija konvenuta waqgħet lura wkoll fil-ħlasijiet ma' Transport Malta. Però kollox idur mal-fatt li l-problemi finanzjarji li bdiet tiltaqa' magħhom il-kumpanija konvenuta kienu l-aktar frott tad-diffikultajiet li ltaqgħet magħhom minħabba l-kundizzjoni tal-ajruplan.

70. Il-kumpanija appellanti ssemmi li barra l-problema tal-AD Check, il-problemi li nqalgħu fl-operat tal-ajruplan kienu relatati ma' nuqqas ta' manutenzjoni kontinwa min-naħa tal-konvenuta stess, liema manutenzjoni hija kienet intrabtet kuntrattwalment li tagħmel. Minkejja dan, f'ċerti drabi, hija xorta waħda għenet anke jekk ma kellhiex l-obbligu. L-Ewwel Qorti stess għarfet li l-kumpanija konvenuta naqset f'dan l-aspett.

71. Il-kumpanija attriċi tgħid li ma tressqux provi tan-ness bejn l-imġieba tagħha u d-dannu mġarrab. Lanqas jirriżulta skontha li l-kumpanija konvenuta żarmat minħabba l-aġir tagħha. Tgħid li l-*Air Operator Certificate* (AOC) kien skada f'nofs l-ewwel sena tal-kirja u minħabba li l-kumpanija konvenuta ma ħallsitx lill-awtoritajiet konċernati, l-AOC baqa' ma nħariġx. B'hekk jiġi li minn madwar nofs is-Sajf sal-15 ta' Diċembru ta' dik is-sena, fejn hija ma setgħetx topera titjiriet, u dan irrispettivament minn kwalunkwe kundizzjoni li kien fiha l-ajruplan. Minn dik id-data 'l quddiem sat-terminazzjoni tal-kirja u anke wara, il-konvenuta kellha dik iċ-ċertifikazzjoni u mhux irrinunzjat għaliha.

72. Dwar dan issir referenza għax-xhieda tal-Kurunell Mark Said[10], li fisser li r-regoli ġodda tal-EASA daħlu fis-seħħ fit-28 ta' Ottubru, 2014 u li l-kumpanija konvenuta kienet konformi ma' dawn ir-regolamenti fil-15

[10] Inspecting officer mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili – fis-seduta tat-8 ta' Frar, 2016.

ta' Diċembru, 2014. B'hekk bejn it-28 ta' Ottubru, 2014 u l-15 ta' Diċembru, 2014 il-kumpanija appellata ma setgħetx topera titjiriet minħabba li kienet għadha ma kisbitx iċ-ċertifikazzjoni. Filwaqt li dan huwa kollu minnu, jibqa' l-fatt li l-ajruplan kien *grounded* għaliex riedu jsiru l-AD Check li messha saret qabel il-konsenja tal-ajruplan u t-tiswija tal-ħsarat.

73. Kif qalet il-kumpanija attriċi, l-Ewwel Qorti għarfet li l-kumpanija konvenuta kellha n-nuqqasijiet tagħha li ġew riflessi meta waslet biex tillikwida d-danni. Għarbiel li miegħu taqbel ukoll din il-Qorti. Iżda bħall-Ewwel Qorti, meta dawn in-nuqqasijiet jiġu mqabbla mad-dubji jekk il-manutenzjoni miftehma meta ġie kkonsenjat l-ajruplan kinitx saret jew le, u l-fatt mhux ikkontestat li l-ajruplan sa mill-bidu nett kellu problemi li ma kinux problemi maħluqa minn nuqqas ta' manutenzjoni ta' rutina (bħal per eżempju xaqq fil-*bulkhead*, il-bieba tal-ajruplan, kellhom jinbidlu mill-ewwel brejkijiet u roti) ixejnu d-difiża tal-kumpanija attriċi. Sewwa għalhekk ikkonkludiet l-Ewwel Qorti li l-kumpanija attriċi naqset mill-obbligu ewlieni tagħha kuntrattwali li l-ajruplan ikun fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u li għal perjodu ta' tnax-il xahar ma jkunx jeħtieġ manutenzjoni estensiva oħra. Ma jridx jintesa wkoll li ma kienx sar AD Check meta skont il-kuntratt kienet responsabbiltà tal-kumpanija attriċi.

74. Il-kumpanija appellanti ssostni wkoll li l-Ewwel Qorti interpretat

ħażin il-kunċett ta’ rieda tajba. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma’ din l-affermazzjoni.

75. Ġie mtenni fis-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta’ Ġunju, 2004 fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Carbone v. Bart Attard*** li *“Egwal saħħa rafforzata tingħata lil din il-konsiderazzjoni mill-preċetti tal-liġi a norma tal-Artikoli 992(1) u 993 tal-Kodiċi Ċivili....Dan fis-sens illi l-kuntratt hu liġi għal dawk li jkunu għamluh u allura dan għandu jiġi eżegwit bil-bonafidi....Fil-każ tat-tieni, konsiderata f’sens oġġettiv, din għandha titqies bħala regola ta’ mġieba li trid tiġi osservata mill-kontraenti. Dan mhux biss fil-fażi in contrahendo fil-kors tan-negozjati iżda wkoll, u fuq kollox, fil-konklużjoni, u eżekuzzjoni, tal-ftehim kuntrattat. Sinifikattivi ħafna huma d-dmirijiet tal-informazzjoni u tal-kjarezza u d-dover tal-kompiment tal-atti kollha neċessarji għall-effikaċja tal-kuntratt u ri-entranti fir-regola tal-lealtà u tal-korrettezza.”*

76. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tat-23 ta’ April, 2010 fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Grima v. James McClean*** intqal: *“il-Qorti tħoss li għandha ttenni illi, “il-bwona fede ma għandhiex biss valur merament teoriku. Din anzi għandha f’sens oġġettiv tkun intiża bħala regola komportamentali ta’ raġonevolezza u, fuq kollox, ta’ lealtà u ta’ korrettezza ... Espress f’dawn it-termini l-prinċipju tal-bwona fede jimponi limitu fl-eżerċizzju tad-drittijiet. Dan kemm għaliex għall-*

*pretendent tad-dritt f'rapport ma' ħaddieħor il-bwona fede tirrappreżenta l-metru ta' mġieba, kif ukoll hi kejl importanti ta' valutazzjoni mill-ġudikant". Ara s-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet "***Carmelo Bonello et v. Concetta Farrugia***", Appell mill-Bord, 28 ta' Frar, 2007. Fil-każijiet tax-xorta hawn ikkontemplata l-prinċipju jassumi importanza fondamentali bħala kriterju siewi għall-eżerċizzju ta' kontroll tar-raġonevolezza u tal-ekwilibriju fir-rapport kontrattwali."*

77. Mill-assjem tal-provi jirriżulta proprju li l-kumpanija attriċi ma ġabitx ruħha b'rieda tajba. Ma tispjegax, per eżempju, kif filli l-partijiet għaddejjin bi trattattivi (fejn saħansitra offriet li taħfer somma flus bħala rieda tajba) filli ħarġet *notice of default* u ittra ta' terminazzjoni fi ftit jiem. Talbet il-ħruġ ta' mandat ta' deskrizzjoni u ġew elevati dokumenti uffiċjali tal-ajruplan. Huwa minnu li legalment setgħet timxi hekk, però li filli titkellem biex tasal fi ftehim u filli toħroġ il-kanuni, wieħed ma jistax ħlief jiddubita mir-rieda tajba.

78. Ma tgħidx sew il-kumpanija appellanti li ma ġiex ippruvat in-ness bejn l-aġir u d-danni, partikolarment meta allavolja l-konvenuta sostniet li mingħajr dokumenti ma setgħetx topera meta l-ajruplan inkera waqt li d-dokumenti huma miżmuma mill-kunsinnatarju.

79. Dan mhux argument siewi. Irriżulta li mingħajr id-dokumenti

uffiċjali l-kumpanija ma setgħetx topera. Dan xehdu b'mod ċar Ryan Cremona. Biex inkera lil terzi mill-kumpanija attriċi nġabet l-awtorizzazzjoni ta' Transport Malta u l-kumpanija terza ngħatat aċċess għall-ajruplan.

80. Għaldaqstant anke dan it-tieni aggravju qiegħed jiġi miċħud.

81. It-**<u>tielet aggravju</u>** tal-kumpanija appellanti jirrigwarda d-danni. Tgħid li l-Ewwel Qorti wettqet il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar id-danni abbażi tal-konsiderazzjonijiet legali li ssemmew qabel. Issostni li bejn il-konsiderazzjonijiet dwar id-danni u l-kunsiderazzjonijiet legali tal-Qorti jeżistu kontradizzjonijiet kif se jintwera. Għalhekk, anke jekk, *dato ma non concesso,* il-kumpanija appellanti għandha xi sehem ta' responsabbiltà d-danni likwidati għandhom ikunu ferm anqas minn dawk ikkalkulati mill-Ewwel Qorti.

82. Il-kumpanija appellanti semmiet l-ammonti kollha li l-kumpanija appellata ppretendiet. Jiġi ppreċiżat li l-kumpanija appellata ppretendiet bħala danni s-somma ta' $661,231.40, iżda l-Ewwel Qorti llikwidat biss l-ammont ta' $541,209.84. Ma sar l-ebda appell min-naħa tal-kumpanija appellata (għalkemm tniżżel fl-ewwel paragrafu tar-risposta li hija kienet se tinterponi appell inċidentali dan ma sarx) u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex il-ħtieġa li teżamina jekk kinux dovuti jew le.

83. Illi l-Qorti tagħraf li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali ġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat[11]. Illi meta parti tkun intrabtet li twettaq xi ħaġa u ma ttemmhiex, il-parti l-oħra (jiġifieri, il-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tingħata s-setgħa li twettaqha hi bi spejjeż ta' min ikun naqasha (jiġifieri, id-debitur tal-obbligazzjoni)[12]. Kreditur ta' obbligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jisħaq mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel[13] u, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas[14], liema danni jissarrfu fit-telf li l-kreditur ikun ġarrab u fil-qligħ li jkun imtellef minħabba l-inadempiment[15]. Illi d-danni maħsuba mil-liġi għan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni jew għat-twettiq tardiv tagħha huma t-telf imġarrab mill-kreditur u/jew il-qligħ imtellef[16], sakemm jintwera li tali telf jew tali qligħ imtellef ikunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas tat-twettiq tal-obbligazzjoni[17]. Fejn in-nuqqas ta' twettiq ma jkunx ġej minn għemil doluż tad-debitur, id-danni mġarrbin mill-kreditur li huwa obbligat jagħmel tajjeb għalihom huma

---

[11] Art. 1125 tal-Kap 16.
[12] Art. 1127 tal-Kap 16.
[13] P.A. 13.12.1952 fil-kawża fl-ismijiet ***Galea v. Calleja*** (Kolez. Vol: XXXVI.ii.578).
[14] Kumm. 13.2.1952 fil-kawża fl-ismijiet ***Petroni v. Petroni noe*** (Kollez. Vol: XXXVI.iii.629)
[15] Art. 1135 tal-Kap 16.
[16] Art. 1135 tal-Kap 16.
[17] Art. 1137 tal-Kap 16.

dawk li basar jew wieħed sata' jobsor li jiġġarrbu fiż-żmien tat-twettiq tal-obbligazzjoni[18]. Illi kull meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja[19]. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni[20] (ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Novembru, 2017 fl-ismijiet ***Credorax Bank Limited v. LRQ Distribution Limited;*** kif ukoll, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-25 ta' Mejju, 2023 fl-ismijiet ***Bruce Wildy et v. Sunshine Biscuits Company Limited***).

84. Illi huwa prinċipju kardinali tad-dritt proċedurali li min jallega jrid jipprova dak allegat minnu – *onus probanda incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, u inoltre l-Qorti għandha tiddeċiedi *iuxta allegata et probata.* Min jallega danni reali għandu l-obbligu li jressaq provi kemm dwar l-eżistenza tad-danni, kif ukoll dwar il-*quantum*, u, għalkemm il-Qorti għandha s-setgħa li takkorda danni *arbitrio boni viri*, dan għandha tagħmlu jekk ikun hemm raġuni valida li minħabba fiha l-parti tkun prekluża milli tressaq provi *in toto* jew *in parte* dwar id-danni allegatament sofferti minnha, jew meta tħoss li jkun ġust li jsir hekk (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Diċembru, 2015 fl-ismijiet ***Albert***

[18] Art. 1136 tal-Kap 16.
[19] Art. 1132(1) tal-Kap 16.
[20] Art. 1133 tal-Kap 16.

***Rizzo et v. Eden Leisure Group Limited***).

85. Illi l-kumpanija appellanti tisħaq li l-ammont ta' $240,000 rappreżentanti ħlas lura tas-*security deposit* m'għandux jitħallas minnha kif iddeċidiet l-Ewwel Qorti billi, kuntrarjament għal dak deċiż mill-Ewwel Qorti, l-ajruplan ġie aċċettat skont il-kuntratt u ma nġabet l-ebda prova teknika dwar l-allegat nuqqas ta' stat tajjeb ta' manutenzjoni, u li l-ewwel problemi li nqalgħu fl-ewwel *test flight* kienu normali li jseħħu u li wara kollox hija għamlet tajjeb għalihom.

86. Illi hekk kif wieġbet il-kumpanija appellata u kif fl-aħħar mill-aħħar kif qiegħed jiġi deċiż minn din il-Qorti l-ajruplan ma kienx ikkonsenjat fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. Lanqas ma seta' jintuża għall-iskop li nkera għalih. Barra minn dan, xejn ma jiswa l-argument għaliex ma tressqitx prova teknika. Il-kumpanija appellanti kellha kull ċans li tressaq prova bħal dik kieku riedet. Biss però rriżulta sal-grad meħtieġ mil-liġi mill-provi li tressqu li l-ajruplan ma kienx fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. Għaldaqstant dan l-ammont għandu jintradd lura mill-kumpanija appellanti.

87. Il-kumpanija appellanti ħassitha aggravata wkoll li l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-kumpanija appellata li tillikwida favur tagħha l-ammont ta' $149,553.32 rappreżentanti kiri ta' ajruplani għal perjodu

bejn il-15 ta' Diċembru, 2014 sat-22 ta' Diċembru, 2014. Tgħid li l-Ewwel Qorti rabtet il-likwidazzjoni ta' din is-somma mal-konsiderazzjoni li l-ajruplan ma kienx ikkonsenjat fi stat tajjeb ta' manutenzjoni. Tgħid li rriżulta mill-provi li fil-perjodu msemmi l-ajruplan ittieħed għand il-Lufthansa Technik sabiex isiru tiswijiet u testijiet marbutin ma' AD wieħed speċifiku li rriżulta nieqes fid-dokumentazzjoni tal-ajruplan, liema dokumenti kienu ġew aċċettati mill-kumpanija konvenuta fil-bidu tal-kirja. L-ajruplan iddaħħal f'dak il-perjodu billi l-kumpanija konvenuta ma kinitx qiegħda tħallas lill-Inġinier Cremona u minkejja li hija stess kienet ilha taf bil-problema dwar l-AD. B'hekk teżisti kontradizzjoni ma' dak li l-Ewwel Qorti tat bħala raġuni meta ċaħdet li tillikwida favur il-kumpanija konvenuta l-ammonti $193,634.14 (rappreżentanti kirjiet imħallsa għal ġranet li fihom l-ajruplan ma setax jintuża) u $98,975 (ħlasijiet lill-kumpanija assiguratriċi għall-perjodu li fih l-ajruplan ma setax jintuża b'rabta mal-AD). Fi ftit kliem, l-Ewwel Qorti ċaħdet għaliex qalet li kien hemm dewmien min-naħa tal-kumpanija konvenuta billi setgħet ħadet miżuri oħrajn sabiex tieħu ħsieb il-problema. L-Ewwel Qorti qalet li l-ajruplan seta' jiddaħħal għal manutenzjoni qabel Diċembru iżda l-kumpanija konvenuta damet biex ħallset lill-Inġinier Cremona.

88. Ta' siwi li jiġi ppreċiżat li l-ammont pretiż mill-kumpanija konvenuta jirreferi għal perjodu wara li ġabet iċ-ċertifikazzjoni l-ġdida tal-AOC ċjoè mill-15 ta' Diċembru 2014. B'hekk minn din il-ġurnata 'l

quddiem l-ajruplan seta' jittajjar. Iżda minħabba li riedu jsiru l-AD Check li ma jirriżultax li sar qabel ma ġie kkonsenjat l-ajruplan u t-tiswijiet li nqalgħu, li skont Ryan Cremona ma kinux *standard repair* għal Boeing[21] kellhom anke jirreferu lill-kumpanija Boeing għal *repair procedure* biex issir.

89. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti ma taqbilx mal-kumpanija appellanti li r-raġunament tal-Ewwel Qorti kien kontradittorju għaliex ma jistax jgħodd l-istess raġunament għal dak li għandu x'jaqsam mal-ammont li dwaru qegħdin nitħaddtu issa. Filwaqt li l-Ewwel Qorti qalet sewwa li fil-każ tal-kera għall-perjodu li l-ajruplan ma setax jittajjar u l-ħlas tal-assigurazzjoni l-kumpanija konvenuta ma naqsitx id-danni kif kien l-obbligu tagħha li tagħmel, min-naħa l-oħra għal dak li huma ċ-ċirkostanzi fejn il-kumpanija konvenuta kellha tikri ajruplani biex twettaq l-obbligi kuntrattwali ma' terzi, il-kumpanija appellata setgħet ittajjar l-ajruplan billi ġabet iċ-ċertifikazzjoni iżda l-ajruplan proprju fil-15 ta' Diċembru, 2014 reġa' ddaħħal għal tiswijiet straordinarji ġewwa l-Lufthansa Technik u dan meta suppost saret manutenzjoni estensiva ftit xhur qabel. Ma kellu x'jaqsam xejn il-fatt li l-ajruplan ma ddaħħalx mill-ewwel għal AD Check. Fl-aħħar mill-aħħar mill-*emails* jirriżulta li l-kumpanija appellanti damet biex ikkonċediet li l-AD Check kellu jsir kif diġà ngħad aktar 'il fuq.

---

[21] Xhieda fil-15 ta' Mejju, 2017.

90. Imiss issa li jiġu kkunsidrati żewġ ammonti oħra dak ta' $39,743.58 rappreżentanti telf ta' qligħ fuq biljetti u $102,547.50 rappreżentanti kumpens lill-passiġġieri billi t-titjiriet tħassru. Il-kumpanija appellanti tgħid li dawn il-flus jirreferu għall-perjodu wara li hija ħadet proċeduri ġudizzjarji ċjoè l-mandat ta' deskrizzjoni u l-elevazzjoni tad-dokumenti u l-kawża sussegwenti. B'hekk issostni li l-kumpanija attriċi qiegħda tiġi penalizzata għaliex użat rimedju mogħti lilha mil-liġi. Ma taqbilx mal-Ewwel Qorti li d-danni ġġarrbu minħabba li d-dokumenti ġew elevati. Tgħid li rriżulta mill-provi li l-ajruplan jinsab mikri u operat minn terzi u allura mhux minnu li l-ajruplan ma setax jiġi operat. Tgħid ukoll li donnu hija għandha tbati l-konsegwenzi għaliex temmet il-kuntratt unilateralment u għaliex ma tatx pre-avviż li kienet se tipproċedi ġudizzjarjament. Barra minn hekk il-liġi tgħid x'inhuma r-rimedji speċifiċi jekk xi ħadd jidhirlu li mandat inħareġ b'mod abbużiv, irregolari u vessatorju. Tant huwa hekk li l-kumpanija appellata ppreżentat rikors sabiex il-mandat kawtelatorju jiġi revokat iżda dan ġie miċħud. Fl-aħħar nett, tisħaq li mhux minnu li hija ma ġabitx ruħha b'rieda tajba u bi prattiċi kummerċjali tajba.

91. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-kumpanija appellata tirreferi għax-xhieda tad-diretturi tagħha li kkonfermaw li l-kumpanija kellha żżarma u twaqqaf l-operat tagħha minħabba li ġew elevati d-dokumenti uffiċjali tal-ajruplan. B'hekk bilfors kellhom iħassru t-titjiriet. Barra minn hekk tgħid

li l-fatt li Qorti tilqa' talba għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju mad-daqqa t'għajn ma jfissirx li ma jistax jirriżulta li dak il-mandat ma kienx inħareġ b'rieda ħażina.

92. Sfiq ma' dan kollu, huwa utili li ssir referenza għal dak li ntqal mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tal-25 ta' Mejju, 2005 fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Attard noe v. Loreto Abela***[22]***:***

> *"Illi għar-rigward tal-azzjoni attriċi immirata għall-kundanna tal-imħarrek għad-danni minħabba u b'konsegwenza ta' ħruġ ta' Mandat kawtelatorju kollox irid jitqiegħed fil-qafas ta' żewġ prinċipji ewlenin: l-ewwel wieħed huwa dak li min jirrikorri għal jedd li għandu ma jitqiesx li hu responsabbli għal ħsara mġarrba minn ħaddieħor minħabba l-użu xieraq ta' dak il-jedd ("qui suo jure utitur neminem laedere videtur")*[23]*; it-tieni wieħed huwa dak li l-jedd li wieħed ifittex ir-rimedji tiegħu billi jirrikorri għall-awtorita' ġudizzjarja, minflok jieħu l-liġi b'idejh, m'għandux jiġi mxekkel bla bżonn;*
>
> *Illi l-Qrati tagħna dejjem għarfu wkoll li l-jedd li wieħed idur għal rimedji ġudizzjarji ma għandux jitbiddel f'abbuż tal-proċedura bil-ħsieb li, biex idejjaq jew b'mod fieragħ, iġib lill-parti avversarja f'qagħda li jkollha ċċedi għar-rikatt, għandha jew m'għandhiex raġun. Kien għalhekk ukoll li fil-qafas ta' kwestjonijiet ta' din l-għamla, il-Qrati tagħna, minn żmien għal żmien, fissru l-limiti u ċ-ċirkostanzi dwar fejn u kif jista' jitqies li jkun seħħ abbuż mill-proċess ġudizzjarju bi ħsara għal ħaddieħor. F'dan id-dawl ta' min jgħid li "non era necessario che chi faceva istanza per la spedizione di un mandato cautelatorio avesse effettivamente il diritto che egli intendeva cautelare, essendo sufficiente che egli in buona fede credesse avere un simile diritto, al che rispondeva la parola 'pretensione'"*[24]*;*
>
> *Illi għalhekk, il-fatt waħdu li persuna tkun bdiet proċedura (magħduda magħha l-ħruġ ta' Mandati biex jikkawtelaw dik l-azzjoni) li, wara l-istħarriġ tal-Qorti, ma tiġix milqugħa, ma jfissirx b'daqshekk biss li kull proċedura kienet saret b'abbuż tad-dritt li tirrikorri lejn il-Qorti*[25]*;*
>
> *Illi, ġeneralment, l-abbuż mill-proċedura ġudizzjarja jitqies biss f'każijiet eċċezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet*

---

[22] Din kienet azzjoni għall-kundanna ta' danni u ta' penali wara ħruġ ta' mandat kawtelatorju.
[23] Art. 1030 tal-Kap 16.
[24] App. Ċiv. 7.7.1920 fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe v. Howard*** (Kollez. Vol: XXIV.i.554).
[25] Kumm. 24.1.1895 fil-kawża fl-ismijiet ***Denaro v. Page noe*** (Kollez. Vol: XV.34).

*għaliha jew mal-frugħa tal-pretensjoni nfisha*[26]*. Fejn ikun hemm element ta' aġir fieragħ fi proċedura ġudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuż tal-proċess ġudizzjarju*[27]*. F'dan ir-rigward ingħad li għalkemm ir-raġunijiet li għalihom min ikun talab u kiseb il-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju jista' jinsab ħati għad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8), taħt ir-regoli ġenerali tar-responsabbiltà*[28] *irid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza, traskuraġni jew nuqqas ta' ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja*[29]*;"*

93. Dawn il-prinċipji għandhom ukoll jgħoddu għal talba bħal dik tal-lum. M'hemm xejn x'iwaqqaf lil persuna li kontriha nħareġ mandat kawtelatorju li tmexxi bi proċeduri għal danni li hija tallega li ġarrbet minħabba l-ħruġ ta' dak il-mandat. Fl-aħħar mill-aħħar fil-każ tagħna l-kumpanija appellata għamlet użu mir-rimedju tal-**Artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** iżda t-talba tagħha ġiet miċħuda.

94. Din il-Qorti taqbel mar-raġunijiet mogħtija mill-Ewwel Qorti u l-argumenti mressqa mill-kumpanija appellanti m'huma siewja xejn. Ħadd ma waqqafha milli tuża r-rimedji mogħtija mil-liġi. Madankollu kull min jitlob il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju għandu jagħmel dan b'kawtela u mhux biex iġib lill-parti l-oħra għarkuptejha. B'danakollu ma jistax ma jiġix innutat li kif qalet l-Ewwel Qorti filli l-partijiet kienu qegħdin jippruvaw isibu soluzzjoni filli mingħajr pre-avviż apparti li ġiet terminata l-kirja unilateralment (li llum irriżulta li l-kumpanija appellanti nnifisha naqset milli twettaq l-obbligi kuntrattwali tagħha), talli dehrilha li l-

---

26 App. Ċiv. 10.1.1955 fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja v. Grima*** (Kollez. Vol: XXXIX.i.24.
27 App. Ċiv. 26.1.1926 fil-kawża fl-ismijiet ***Mugliette v. Beżżina*** (Kollez.Vol: XXVI.i.405).
28 Art. 1031u 1032(1) tal-Kap 16.
29 P.A. TM 18.9.2002 fil-kawża fl-ismijiet ***John Żarb v. Port Cottonera Ltd.***

mandat ta' deskrizzjoni ma kienx biżżejjed iżda kien jeħtieġilha titlob l-elevazzjoni tad-dokumenti uffiċjali tal-ajruplan. Ma ġabitx raġuni tajba għalfejn kienet qiegħda titħasseb fuq dawn id-dokumenti jew li kien hemm xi periklu li dawn jinqerdu. L-Inġinier Cremona jxejjen dak li sostniet il-kumpanija appellanti li l-ajruplan seta' jittajjar xorta waħda bla problemi. Tant huwa hekk, li biex l-ajruplan inkera lil terzi kellha tinkiseb awtorizzazzjoni minn Transport Malta.

95. Ġaladarba ġie stabbilit li l-imġieba tal-kumpanija appellanti kienet intiża biex tweġġa' lill-kumpanija appellata b'mod evidenti li twaqqaf l-operat tagħha, hija trid tagħmel tajjeb għall-ħsara li kkawżat.

96. Il-kumpanija appellanti ma ressqet l-ebda prova biex twaqqa' l-provi mressqa mill-kumpanija appellata għal dak mitlub. Għaldaqstant dawn l-ammonti jridu jitħallsu mill-kumpanija appellanti.

97. Fl-aħħar nett dwar l-ammont ta' $9,365.44 rappreżentanti spejjeż mħallsa lil Lufthansa Technik b'rabta mat-tiswija fuq bieba wara t-*test flight* tgħid li filwaqt li skont il-kuntratt l-ajruplan kien qiegħed jinkera *as is, where is* hija kienet aċċettat li tħallas dan l-ammont. Għalhekk dan l-ammont ukoll għandu jiżdied mas-somma likwidata.

98. B'hekk jinżel li l-ammont ta' danni li l-Ewwel Qorti llikwidat

qiegħed jiġi kkonfermat u għaldaqstant dan it-tielet aggravju qiegħed jiġi miċħud.

99. Il-kumpanija appellanti talbet lil din il-Qorti li jekk se jkun hemm kundanna għall-ħlas, ir-rata tal-kambju għandha tkun ta' dik meta l-allegati danni ġew imġarrba u mhux fid-data meta l-kawża ġiet ippreżentata jew deċiża.

100. Il-kumpanija appellata rremettiet ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti iżda qablet mal-Ewwel Qorti meta wżat ir-rata ta' kambju tad-data tas-sentenza ġaladarba l-appellata ġiet kanonizzata kreditur dakinhar.

101. Minn imkien fis-sentenza tal-Ewwel Qorti ma ssir referenza għar-rata tal-kambju. Però sabiex ma jinħolqux kwistjonijiet ġodda bejn il-partijiet, tqis li l-kumpanija appellanti għandha raġun fuq dan il-punt. Tant huwa hekk li fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' April, 2017 fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Offshore Bunkering Co Limited v. Valletta Freight Services Limited*** intqal:

> *"Fil-kawża fl-ismijiet* ***Dr Kris Borg noe v. Air Malta*** *(27 ta' Ġunju 2003) din il-Qorti qalet; .. "għall-finijiet tal-kambju, dina l-Qorti sejra tadotta r-rata tad-19 ta' Lulju, 1994 .. meta ġew kaġjonati d-danni, u mhux tal-20 ta' Lulju, 1994, meta saret il-claim mis-soċjetà appellata". (27 ta' Ġunju 2003). Anke fis-sentenza addirittura tal-1940 fl-ismijiet* ***Dr Gouder noe v. Micallef*** *(Vol XXX-1-847) din il-Qorti kienet ikkonkludiet illi l-"kambju għandu jkun ikkalkolat fuq meta kellu jitħallas id-dejn". Għalhekk il-Qorti taqbel mal-appellanti f'dan ir-rigward – madankollu mis-sentenza appellata jirriżulta li fil-fatt l-ewwel Qorti dak li għamlet u ċjoè kkalkolat l-ammont dovut fuq ir-rata ta' kambju applikabli f'Mejju u April 1998 u ċjoè meta kien dovut*

*il-ħlas."*

102. Il-kumpanija appellata talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-appellanti d-*doppie spese.* Din il-Qorti ma tqisx li l-kumpanija appellanti jistħoqqilha dan għaliex ma jistax jitqies li l-appell kien wieħed vessatorju u/jew fieragħ.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-Avv. Nicholas Valenzia *nomine*, u b'hekk **tikkonferma** s-sentenza tal-Ewwel Qorti, bil-kwalifika li r-rata tal-kambju applikabbli fuq kull ras ta' danni aċċettat f'din is-sentenza favur il-kumpanija konvenuta, m'għandhiex tinħadem skont id-data tas-sentenza appellata iżda għandha tinħadem fuq id-data ta' meta twieled l-obbligu tal-ħlas.

Bl-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-kumpanija appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr